IR-RABA' KTIEB TAT-TMIENJA U GHOXRIN SENA — DIĊEMBRU 1952

# IL-MALTI

## QARI

LI TOHROG

*IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

IL-KITTIEBA TA' DAN IL-GHADD

L-Editur—L-Istudju tal-Malti — faċċ. 97

Kav. Ġużè' Galea, M.B.E., M.D., D.P.H—
Kien Lejlet il-Milied — ,, 99

Il-Mewt ta' Mons. Kant. Dun Pawl Galea, J.C.D. — ,, 103

Dun Frans Camilleri—*Lill-Baħar Mediterran* — ,, 104

Kronaka tal-"Għaqda" — ,, 104

Vincent Caruana—Proverbji Foloz — ,, 105

Ġużè' Gatt—Tixwixa fuq Bastiment
Kursal bil-Bandiera ta' l-Ordni — ,, 109

Marċell Mizzi—*Arti u Hajja* — ,, 125

Reċensjoni — ,, 126

Werrej tas-Sena 1952 — ,, 127

Suppliment:

Ivo Muscat-Azzopardi—Fernand Gregh (Bijografija) I—XX

DIRETTUR: Dr. Ġużè Galea, M.B.E., M.D., D.P.H.,
29, Sur Santa Barbara, Valletta.

ASSISTENT DIRETTUR: Ant. Cremona,
53, Triq Wara Santa Ubaldesca, Paula.

AMMINISTRATUR: Victor Apap,
22, Triq it-Torri, Tas-Sliema.

---

Ħlas: 4/- fis-sena. — Ktieb wieħed 1/3.
Dak li hu ħlas tar-rivista jinbagħat lil:
Victor Apap,
22, Triq it-Torri, Tas-Sliema.

LILL-MEMBRI, IMSEĦBIN U QARREJJA TAGĦNA

LIL ĦBIEBNA KOLLHA

IR-RIŻQ U L-BARKA TA' DAWN IL-JIEM TA' FERĦ.

JALLA S-SENA L-ĠDIDA

TKUN IŻ-ŻERNIQ TA' ĠRANET SBIEĦ

GĦALL-"GĦAQDA" U L-ILSIEN MALTI

U FUQHOM IX-XEMX TAL-ĦAJJA

MA TINŻEL QATT.

# IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI

DIĊEMBRU 1952


# *L-ISTUDJU TAL-MALTI*

*JEKK wieħed joqgħod iqalleb il-paġni ta' l-istorja tat-tagħlim f'Malta għandu jsib illi l-istudju serju tal-Malti fl-iskejjel, kif ukoll fost xi studjużi ta' l-ilsien Malti hawn Malta, ma bediex u ma seħħx qabel is-sena 1934, meta l-Malti daħal bħala materja obbligatorja fil-programmi skolastiċi, fl-eżamijiet pubbliċi, u, wara mbagħad ukoll, fl-Università, u ħa xejra uffiċjali fl-amministrazzjoni Governativa u fil-Qrati. F'dan il-pass fis-sistema edukativa u amministrativa tal-Gżira, kellha sehem kbir il-"Għaqda" li sa minn 13-il sena qabel kienet ħadmet biex fost il-kittieba tal-Malti titwaqqaf sistema soda ta' ortografija, sistema ta' kitba Maltija li wara ġiet magħrufa u adottata uffiċjalment mill-Gvern.*

*Sew iċ-ċirkustanzi storiċi, li wara l-ewwel Gwerra l-Kbira ġiebu taqliba fil-bżonnijiet morali u ekonomiċi tal-proletarjat tal-pajjiż, kemm l-ispirtu ġdid tan-nazzjonaliżmu fost il-ġenerazzjoni ġdida b'idejiet demokratiċi, kienu l-mezz li l-Malti, wara snin kbar ta' taħbit, b'mitt proġett skolastiku li kull darba sata' fix-xejn, sab ruħu mqiegħed fuq sodda ta' blata samma li fuqha fl-aħħarnett sata' jibni għas-seħħ is-sisien ta' daru.*

*Minn din it-taqliba sal-lum għaddew mat-tmintax-il sena u fihom kotru l-kittieba tal-Malti, l-iktar fost iż-żgħażagħ, inħolqu għaqdiet ta' movimenti għall-progress tal-Malti; ħarġu kotba ta' proża u poeżija, antoloġiji, grammatiki, trattati fuq il-lingwistika, rivisti, saru konkorsi għall-aħjar romanzi, novelli u poeżijiet, kitba letterarja u xjentifika Maltija li sebqet fil-għadd u fil-ħxuna lil dik ta' qabel tul iż-żmien ta' 'l fuq minn mitt sena: b'hekk il-letteratura Maltija qabżet il-barrieri li kienu jifirdu l-ilsien Malti minn dawk l-ilsna l-oħra ikkultivati u li l-lum għandhom il-letteratura tagħhom li biha n-nazzjon tista' tiftaħar u tidher fost l-akbar laqgħat akkademiċi tad-dinja. Iżda, b'danakollu, nistgħu ngħidu li l-Malti wasal f'dak il-grad ta' koltivazzjoni bħala lsien miktub u bħala lsien mgħallem fl-iskejjel u fl-Università kif ukoll bħala lsien uffiċjali tal-pajjiż? — Naħsbu li LE.*

*Għalkemm għadu ma għaddiex żmien biżżejjed minn mindu l-Malti daħal fl-iskejjel, għandna, iżda, nistennew li meta tqis*

*l-isvilupp letterarju li ħa l-Malti fost il-ħafna kittieba li nibtu, l-istudju tiegħu kellu jilħaq dak il-grad ta' lsien skolastiku kif jistħoqq fost dawk l-istudenti li qegħdin jersqu għall-eżamijiet tiegħu u li wara li itemmu l-istudji tagħhom 'il quddiem ikollhom jużawh sew fil-kariga tagħhom bħala skrivani mal-Gvern, sew fil-professjoni tagħhom, ta' qassisin, avukati, nutari, tobba u prokuraturi legali, u saħansitra periti, fid-dokumenti, fl-attijiet jew rapporti tagħhom professjonali. Fuq hekk, meta xxebbaħ il-progress tal-Malti ma' dak ta' ilsna oħra fit-tagħlim, insibu li l-Malti baqa' ftit lura, l-iktar f'dik li hi traskrizzjoni, għażla u bini ta' kliem, kostruzzjoni, espressjonijiet idjomatiċi u stil. Forsi din ħtija ta' xi sistema fil-programmi skolastiċi, iżda wisq naħsbu li l-ewwel u l-akbar ħtija hija dik ta' nuqqas ta' interess u studju biżżejjed, nuqqas ta' taħriġ ta' kitba fuq prinċipji morfoloġiċi u sintattiċi u nuqqas ta' qari wkoll ta' awturi tajba.*

*Studenti li waslu fl-aħħar klassi ta' skola sekondarja ma għandhomx jiktbu l-Malti b'espressjonijiet miktubin kelma b'kelma minn fuq frażjoloġija Ingliża, jew bi kliem ingleżizzat jew taljanizzat iżżejjed u bla ebda ħjiel ta' kostruzzjoni Maltija. Dan huwa dnub oħxon, iżda huwa dnub wisq iżjed oħxon meta student li wasal biex itemm l-istudju tiegħu liċeali jagħlet fil-kitba ta' kliem l-iktar sempliċi u jikteb kliem żbaljat bħal dan:* jinqegħda, nużgħaw, miktubha, għallura, jafgħu, bagħtew, hilu, għadom, *u kliem ieħor bħal dan. Meta student jikteb kliem żbaljat bħal dan f'komponiment u jżejnu bi kliem sabiħ u magħżul, ukoll jekk mibni tajjeb u mżewwaq b'idejiet u b'argumenti millisbaħ dan ma jkunx qed jagħmel ħlief bħal dak il-bniedem li jiżżejjen bl-isbaħ libsa tal-moda u jħalli riġlejh bla xedd; jiġifieri jinkesa bl-isbaħ ilbies u jħalli saqajh mikxufin. Għalhekk meta student jew kittieb li jiktiblek l-isbaħ poeżija jew proża li tkun 'l hawn u 'l hinn imdewsa bi kliem miktub żbaljat, ma tkunx ħaġa barra minn lokha jekk wieħed igis li l-Malti ta' dik il-poeżija jew ta' dik il-proża jonqsu xi ħaġa fil-valur letterarju tagħha, ħaġa elementari imma daqshekk ieħor importanti: l-ortografija tajba, li hija r-riġel tal-kitba Matlija. Jekk biex jidher sabiħ u skond ma tridu l-estetika tal-kitba l-ġisem tal-kitba ta' lingwa għandu jitgħatta u jiżżejjen b'libsa li tixraqlu, minn rasu sa saqajh, inti din il-kitba m'għandekx tħalliha b'riġlejha mikxufa, għax kif igħid il-qawl Malti:* Il-ħafi jitfi ż-żina.

A. Cremona

# Kien Lejlet il-Milied

*Ta'* Guże' Galea

KIEN lejlet il-Milied ta' xitwa qiergħa; jum mudlam, imċaj-par, ta' dwejjaq. Ix-xita kienet ilha ġimgħa nieżla bla ma tehda; leħħ ta' beraq, u tkarwit ta' ragħad ma qatgħu xejn. Fid-djar kollox niedi; barra kullimkien għargħar ta' ilma; is-siġar imneżżgħin, il-ħaxix milwi mill-ħamla, ir-raba' mifqugħ bl-ilma, it-toroq mimlijin għadajjar. Ix-xemx kienet donnha nħbiet mid-dinja u naqset id-dija tagħha li ssaħħan, taħji u ġġerri d-demm fil-vini.

Imbagħad lejlet il-Milied niżel is-silġ; bdiet reżħa xxoqq il-għadam, qamet żiffa li tqajjem il-ġilda xewk xewk, u minnufih beda jġelben is-silġ; għall-ewwel beda jaqa' waħdiet waħdiet, donnhom dmugħ magħqud, itektku fuq il-ħġieġ u jaqbżu fuq ħoġor it-twieqi qishom żibeġ tal-logħob; imbagħad, f'daqqa waħ-da, bdew neżlin ħalbiet ħalbiet jaħbtu mal-ħitan, iqattgħu l-friegħi, iħabbtu fuq il-bibien, jogħlew fuq il-bjut, u jagħmlu ħsejjes tal-waħx.

Wiċċ it-toroq inkesa bis-silġ, il-bjut tgħattew, ir-raba' ntra-dam; u dak il-laqx abjad, ileqq, iebes u jgħammex il-għajnejn, dejjem nieżel, ħalla wara ħalla, bla ma jaqta' donnu jrid jordom id-dinja u jifniha bil-kesħa kiefra tiegħu.

Tifel ċkejken kien mixħut f'qiegħ ta' sodda, isfar, xipli, marid u bla saħħa; kienet ħakmitu marda kiefra meta kien għadu tarbija u ħallietu mifluġ b'a ma jiflaħ imidd riġlejh jew iqum minn fuq is-sodda. Serafinu kellu għaxar snin, imma qatt ma kien ħareġ barra minn kamartu, qatt ma ra b'għajnejh il-ġmiel tal-ħolqien, qatt ma mela sidru bl-arja melliesa tal-beraħ.

Serafinu kien jisma' dawn l-egħġubijiet minn ħutu, u minn tfal oħra li kienu jmorru jżuruh; kien idum is-sigħat jistaqsihom fuq għasafar, annimali u ħxejjex, fuq widien, għoljiet u iġbla, u wara kien jibqa' waħdu jaħseb u jmaħħaħ fuq il-kobor u l-ġmiel tad-dinja; kien iġib quddiem għajnejh dehriet ta' raba' u ta' bliet b'nies ħawtiela u bieżla jaħdmu, iħawtlu u jiġru minn banda għall-oħra, fil-waqt li hu, miskin, f'qiegħ ta' sodda ma jistax iqum u imidd riġlejh. Serafinu kien jixxennaq għax-xorti tan-nies b'saħħithom, nies li jistgħu jimxu, jaqbżu u jiġru, li jistgħu jmorru fejn iridu bla ma jeħtiġilhom min jerfagħhom biex jitqanqlu minn fuq il-friex. Dak iċ-ċkejken kien jitlob bil-ħniena lill-Bambin biex jagħtih il-qawwa mqar għal darba waħ-

da biss ħalli jitpaxxa b'dawk l-egħġubijiet li kienu jinsabu barra mit-tieqa tal-kamra tiegħu.

Serafinu kien iqatta' jiem sħaħ ihewden fuq egħlieqi mimlijin egħlejjel; u fuq bliet imgħammra minn eluf ta' nies; kien jistħajjel jara portijiet mimlijin dgħajjes, bastimenti u vapuri jgħabbu u jħottu, u dejjem sejrin ibaħħru minn pajjiż għal ieħor.

Xi drabi lil Serafinu kien imur jarah zijuh baħri xiħ, li kien idum is-sigħat isemmi fuq kotor ta' artijiet drawwiet ta' nies, ħlejqiet tal-għaġeb, ġrajjiet tas-safar; u t-tifel, għajnejh imberrqa, widnejh miftuħa, joqgħod jisma' b'deħwa kbira, jitgħaxxaq u jixxennaq; imbagħad qalbu kienet tingħasar meta jiftakar li hu ma jistax jiċċaqlaq minn fuq soddtu u li għalih ma kienx hemm tama li qatt joħroġ minn kamartu u jmur jara dak il-ġmiel u l-kobor tad-dinja; kienet titlagħlu għoqla fi ġriežmu, sidru jimtela bħal minfaħ, għajnejh jixxarrbu u jiddemmgħu.

Wara ġimgħa xita, dlam u ċirċ, Serafinu ħass ruħu magħdur aktar mis-soltu, kellu għafsa ta' dwejjaq f'qalbu, għajnejh inkisru, ħaddejh sfaru aktar minn qabel u xbinu ddallam; missieru u ommu u ħutu riedu jagħmlulu l-qalb u jderrulu, iżda hu baqa' kiebi u biered donnha r-reżħa tat-temp kienet qiegħda titfilu dik il-ħajta dawl li kellu tnemnem f'qalbu.

Lejlet il Milied meta s-silġ beda jfaqqa' fuq il-ħġieġ, Serafinu ħass tkexkixa tiġri ma' ġismu kollu nifsu tqal u beda jokrob u jingħi; imbagħad meta daħal il-lejl it-tifel intelaq u tħeddel, għajnejh bdew jintgħalqu qishom f'nagħas tqil; missieru għenu jdur la ġenba, kebbu tajjeb qalb il-firxa u biesu fuq ġbinu; ommu ma felħitx tara lil binha f'dik il-mogħdrija, qalbha nqasmet u ħarġet tolfoq barra l-kamra: "Kemm narah magħdur il-lejla lil Serafinu", qalet l-omm.

"Dawn l-aħħar erbat ijiem mar lura wisq", żied missieru.

"Mhux li kien il-Bambin iħenn għalih u jagħtih is-saħħa!"

"Il-lejla fil-quddiesa ta' nofs il-lejl, meta jitwieled il-Bambin, nitlob għalih, mà" qalet oħt Serafinu ż-żgħira, fil-waqt li xfar għajnejha bdew ipetptu u xofftejha jirtogħdu; ħutha kollha qablu magħha.

Meta sar il-ħin, ħut Serafinu tleffu f'kapottijiet sħan, kilbu xrafi tas-suf madwar għonqhom, libsu braneż tas-suf f'rashom, xeddu żraben twal sa rkobbtejhom, daħħlu idejhom f'ingwanti tal-ġild u telqu lejn il-knisja jgħaffġu fuq is-silġ li kien jiksi wiċċ

it-toroq. Huma u sejrin, ħut Serafinu ħtaqgħu ma' tfal oħrajn min b'il-fanal f'idu biex juri fejn jimxu, min b'umbrella f'idu biex igħatti lil sħabu mix-xita, min jiżżellaq fuq is-silġ, min ixejjer idejh biex isaħħanhom, min jidħak u min ikanta "Ninu, Ninu tal-Milied".

Omm u missier Serafinu baqgħu d-dar, daħlu fil-kamra fejn kien binhom marid u qagħdu siekta, b'qalbhom miksura jħarsu lejn dak in-naqra ta' tifel, jarawh rieqed u jisimgħuh jieħu nifs tqil u jokrob ma' kull nifs li jiġbed.

Barra l-kamra ta' Serafinu fid-dar kollha ma kienx hemm sinjal ta' ħajja; id-dar kienet imkebba f'baħħ u skiet, ma kienx jinstama' ħlief it-tektik sejjer dejjem bla ma jaqta' ta' l-arloġġ kbir f'ras it-taraġ, u barra t-traxxix tax-xita fuq il-ħġieġ tat-twieqi.

F'daqqa waħda l-arloġġ beda jdoqq nofs il-lejl u ma' l-ewwel tokk Serafinu ndehex, ġismu rtogħod, karab qawwi u nifsu bħal inqatagħlu, berraq għajnejh u l-ħbub dehru qishom żewġ ġamriet; wiċċ it-tifel għall-ewwel tqarras imbagħad deher miblugħ u mgħaġġeb u ferħan u ħa bixra ta' wieħed li ntebaħ b'xorti kbira li waqgħet fuqu għal għarrieda.

Serafinu ġġebbed u kif kien mimdud fuq ġenbu medd idu donnu ried juri xi ħaġa; imbagħad dija ta' hena dehret tilma fuq ġbinu u tbissima ta' ferħ feġġet fuq fommu. Ommu resqet lejh u staqsietu bil-ħlewwa:

"Trid xi ħaġa, ibni?"

"Issa ma għandi bżonn ta' xejn, mà! Inħossni ħafif qisni qiegħed intir. Il-Bambin refagħni u ħelisni minn qiegħ is-sodda u ħadni miegħu biex inżur artijiet u bliet oħra mimlijin xemx u dawl u sħana. Ara, mà! Dik il-muntanja kemm hi għolja, kollha siġar imxabbtin iħaddru magħha, u dawk il-palm twal u miftuħin bħal umbrelel; ħares lejn dik ix-xmara nieżla ċċarċar f'dak il-wied delli, u ara wkoll dawk in-ngħaġ jirgħu fl-għelieqi. Fil-bogħod, mà! m'intix tilmaħ dik il-belt sabiħa mdawra bi swar qawwijin? u ara wkoll dawk l-iġmla bis-sewwieqa fuqhom iġorru lejn il-belt tagħbijiet ta' muna u ġid".

Missier Serafinu resaq iżommlu idejh; it-tifel ħass il-għafsa ta' missieru u tbissem, iżda baqa' donnu lubien jew imsaħħar iħares donnu qiegħed jara ħwejjeġ tal-għaġeb.

"Ara, pà!" qal Serafinu lil missieru b'dehwa kbira, "Ara, pà! dak il-qamħ imxettel abjad bil-weraq qishom ħjut tal-fidda,

u wara l-qamħ hemm ragħaj idoqq iż-żaqq u ieħor idoqq it-tanbur. Mintix tismagħhom?" Ħwejjeġ ma jitwemmnux! Dak il-ħin inzertaw għaddejjin minn quddiem id-dar ta' Serafinu, xi erbgħa min-nies tar-raħal idoqqu ż-żaqq u t-tanbur kif dari kienu joħorġu idoqqu lejlet il-Milied.

"Qiegħed tismagħhom, pà? Hux qiegħed ngħidlek sewwa!" Il-missier miel fuq ibnu u biesu, it-tifel kellu wiċċu mixrub u mimli għaraq kiesaħ, iżda ma kienx jidher batut, u biex jagħti gost lil missieru qallu:

"Kemm inħossni tajjeb! Inħossni ħieles minn kull toqol ta' mard. Issa nista' nogħla u ntir ma' dawk l-anġli li hemm iduru fuq dak il-għar u nkanta magħhom "Gloria in Excelsis Deo", Glorja lil-Bambin Ġesù. Arah hemm, pà! Ħares lejh f'dak il-għar bejn il-Madonna u San Ġużepp. Tarbija ħelwa mimli dawl u dija. Nżżih ħajr talli fejjaqni mill-mard, talli ħadni miegħu nara artijiet u bliet u nitgħaxxaq bil-ħolqien kif dejjem xtaqt. Nżżik ħajr Bambin ċkejken u nbusek minn qalbi".

Serafinu medd idu u tawwalha, iżda minnufih dik il-wejda waqgħet bla saħħa u ġiet fuq il-presepju li ftit qabel missieru kien qegħedlu fuq mejda ħdejn rasu biex malli jistenbaħ jarah għal għarrieda u jifraħ bih.

Malli stabtet idu, it-tifel karab, ġismu ntreħa, għajnejh inqalbu, imbagħad ingħalqu, iżda fuq fommu baqgħet tiddi tbissima ta' l-anġli, fil-kamra dehret leħħa ta' dija li tgħammex il-għajnejn u nxammet fwieħa li tgħaxxi.

Missier u omm Serafinu nxteħtu fuq binhom, iżda dan kien mar il-Ġenna.

## AVVIŻ LILL-IMSEĦBIN

**Xtaqna niġbdu l-attenzjoni ta' l-imseħbin ta' "IL-MALTI" fuq l-indirizzi ħżiena li baqgħu jidhru fil-lista ta' xi membri li biddlu djarhom; ħaġa li qiegħda tkun kaġun ta' tfixkil fix-xogħol ta' l-impustar ta' "Il-Malti". Minħabba f'hekk qegħdin jaslulna lura xi numri ta' "Il-Malti", jiġifieri ta' dawk l-imseħbin li biddlu djarhom, u ma bagħtux igħidu lill-Kaxxier l-indirizz ġdid tagħhom. Dawk kollha li biddlu l-indirizz tagħhom huma, għalhekk, mitluba li jibagħtu l-indirizz ġdid tagħhom lis-Sur Victor Apap, Kaxxier tal-Għaqda, 22, Triq It-Torri, Tas-Sliema.**

IN MEMORIAM

# IL-MEWT TA' MONS. KANT.

## DUN PAWL GALEA, J.C.D.

B'għafsa ta' qalb, din id-darba wkoll, wara l-aħbar kerha tal-mewt ta' wieħed mill-egħżeż ħbieb tal-"Għaqda", kellna nhożżu bl-iswed f'waħda mill-faċċati tagħna, l-aħbar mhux inqas kerha tal-mewt ta' wieħed mill-iktar anzjani fost il-Membri tal-"Għaqda" — jiġifieri ta' **Mons. Dun Pawl Galea** — President Onorarju tal-"Għaqda" — li kellu l-mertu kbir li jiftħilna l-megħdija tat-twelid tal-"Għaqda" u ta' din ir-rivista.

Billkemm kienet għaddiet sena, li ismu żżejjen bil-ġieh tal-Premju "Ġużè Muscat Azzopardi" għall-merti tiegħu bħala wieħed mill-ewwel ħaddiema għall-moviment u progress tal-Malti meta Mons. Dun Pawl Galea, taħt it-toqol taż-żmien u tax-xogħol tal-moħħ, is-Sibt, id-29 tax-xahar ta' Novembru li għadda, fil-5 ta' fil-għodu, wara ħass ħażin ta' ħamest ijiem, kien għalaq għajnejh għal dejjem.

Fuq il-ħidma tiegħu għall-Malti, li hu kien tant iħobb u jgħożż għidna biżżejjed fl-editorjal ta' Marzu ta' dis-sena, kif ukoll intqal fil-wisa' fid-diskorsi li saru fl-okkażjoni taċ-ċerimonja li saritlu tal-Preżentazzjoni tal-Medalja "Ġużè Muscat Azzopardi" u m'għandniex għalfejn intennuhom fil-qarrejja tagħna, għallinqas din id-darba. Ngħidu biss illi l-mewt ta' Dun Pawl— kif donk kien iħobb inizżel ismu fl-artikoli tiegħu f'din ir-Rivista — wara dik ta' sieħbu Ġużè Muscat Azzopardi, fil-ħidma tal-Malti, hija telfa ta' waħda mill-ewwel żewġ kolonni sħaħ tal-bini tal-"Għaqda".

Jalla t-tifkira ta' wieħed u l-ieħor jibqgħu ħajjin fostna kif jixraq li għandhom jibqgħu biex dejjem tħeġġiġna nimxu wara l-istampa li ħallew tal-passi tagħhom.

## LILL-BAĦAR MEDITERRAN

*Ta'* Dun Frans Camilleri

Kull xhin b'nifsek qalil taħbat għax-xtajta
U mewġa mewġa ssib il-mewt mal-blat,
Tinstema' tidwi l-waqgħa, b'sabta u għajta,
Tas-saltniet kbar li ġġarrfu qalb is-swat.

Mera tas-sema, inti bandalt il-ġrajja
Li bnew u waqqgħu liċ-ċiviltajiet.
Kif darba skirt bid-demm f'taqbid għall-ħajja
Li qered l-isbaħ żgħażagħ, l-ogħna bliet.

F'sidrek iehġien ġarrabt b'liema taħbita
Ħabtet qalb Ċesri w Alessandru l-Kbir;
U rajtu 'l Nelson jirbaħ fit-tislita
L-iġfien ta' Napuljun ġo Aboukir.

Hawn, f'Malta wkoll, wassalt qliet l-egħdewwa,
Imm'inti kont li ġibt id-Dawl tas-Sewwa!

## KRONAKA TAL-"GĦAQDA"

Fis-17 ta' Diċembru 1952, Dun Ġammarì Farrugia, Kanonku Teologu tal-Kapitlu tal-Birgu, għalaq 60 sena li ilu jqaddes. L-Kanonku Dun Ġammarì Farrugia huwa wieħed mill-Membri anzjani tal-"Għaqda" tagħna u magħruf bħala wieħed mill-aqwa ħbieb tal-"Għaqda" u tal-Malti. Sa mill-bidu tal-moviment tal-kitba Maltija skond is-sistema tal-"Għaqda", huwa kien wieħed mill-ewwel kontributuri f'"Il-Malti", u tiegħu għandna diversi artikoli sbieħ fuq storja lokali u tifkiriet tradizzjonali Maltin, l-iktar fuq il-Birgu. Huwa kien li laqa' f'daru lir-Rev. C. Dessoulavy, Membru Korrispondenti tal-"Għaqda", meta dan kien ġie jżurna hawn Malta, u għen lill-"Għaqda" fir-rabtiet li din kellha ma' nies tax-xeħta tar-Rev. Dessoulavy. Għalhekk il-"Għaqda" għandha biex flimkien ma' ħbieb oħra tingħaqad biex bil-qalb kollha tifraħ lill-Kanonku Dun Ġammarì sew bħala Membru kemm bħala benefattur tagħha, u tixtieqlu għomor twil u l-barka u sliem għas-snin li ġejjin fil-ħajja saċerdotali tiegħu.

# PROVERBJI FOLOZ

*Ta'* Vincent Caruana

IGHIDU li l-proverbji huma l-għerf ta' missirijietna miġbur fil-qosor u mhux l-ewwel darba li tisma' xi omm tgħid xi proverbju lil uliedha jew xi wieħed xiħ igħid xi proverbju lil xi żagħżugħ biex jagħtih tagħlima jew parir. Bir-rispett kollu li jiena għandi lejn ix-xjuħ irrid hawnhekk nistqarr li l-proverbji mhux kollha huma tajbin u li xi wħud minn dawn il-proverbji ta' missirijietna huma foloz u bosta drabi ma jurux il-fatti kif tassew huma. Irrid ingħid jien li kultant proverbju jgħidlek mod u fl-esperjenza tal-ħajja ssib mod ieħor.

Hawn jiena sejjer nuri l-fehma tiegħi. Haddieħor jista' ma jaqbilx miegħi dwar xi proverbju 'l hemm u 'l hawn, iżda jien naħseb li wieħed jaqbel miegħi fis-sustanza ta' dan l-*essay* meħud kollu f'daqqa.

Wara ħafna tħassib li qgħadt nagħmel jien sibt li l-proverbji jitqassmu fi tliet kwalitajiet. L-ewwel kwalità hija dik fejn issib proverbji tajbin u li fil-ħajja aktarx jiġri dejjem skond ma jgħidlek il-proverbju. It-tieni kwalità hija ta' dawk il-proverbji li ma jgħidux il-verità kollha; proverbji li aktarx dejjem jagħtuna tagħlima falza u jqarrqu bina minflok ma jifthulna għajnejna. It-tielet u l-aħħar kwalità ta' proverbji huma dawk li xi minn daqqiet ikunu tajbin u xi minn daqqiet ikunu ħżiena skond iċ-ċirkustanzi differenti li fihom jiġu użati.

Biex inkun fissirt ruħi iktar ċar: hemm proverbji li huma aktarx dejjem tajbin; hemm proverbi li huma aktarx dejjem ħżiena; u hemm proverbji li huma daqqa ħżiena u daqqa tajba.

Se nibda l-ewwel biex insemmi xi proverbji li jien inqishom bħala aktarx dejjem foloz. L-ewwel proverbju li qiegħed jiġini f'moħħi hu dak li jgħidlek "Iż-żejjed bħan-nieqes". Fil-ħajja nsibu li dan rari hu l-każ. Tgħaddi differenza bejn wieħed li għandu flus iktar milli jinħtieġ biex igħix u ieħor li anqas għandu għaxja ta' lejla. L-istess, ejjew nistħajlu pajjiż fejn hemm ħafna minerali bħalma huma faħam, żejt, ħadid, eċċ., u pajjiż ieħor li m'għandux minerali. Għidli ftit, iż-żejjed huwa bħan-nieqes f'dan il-każ? Forsi xi ħadd jgħidli: "Imma bniedem li jiekol ħafna jkun qed jagħmel ħażin għal saħħtu l-istess bħal bniedem li jiekol ftit". Jiena nwieġeb li dan jista' jkun, għal-kemm dan jiddependi skond is-sistema tal-ġisem, iżda ftakru

tajjeb li jiena għidtilkom fil-bidu li dawn il-proverbji huma *aktarx dejjem foloz*; mhux dejjem foloz, iżda aktarx dejjem foloz. U għiduli, x'jiswa dak il-proverbju li għoxrin darba ssibu ħażin u darba kultant issibu tajjeb? Għalhekk jiena nibqa' nsostni li neħħi kultant xi eċċezzjoni ż-żeijed hu kważi dejjem aħjar minnieqes, u mhux bħan-nieqes.

Proverbju ieħor li aktarx dejjem ikun falz huwa "kull deni ħudu b'ġid". Huwa veru li kultant mid-deni jista' joħroġ il-ġid, imma dan jiġri kultant, nirripeti "kultant". Jiena f'ħajti ġie li ġrali ħafna deni li minnu ma ħariġli l-ebda ġid, iżda bqajt bid-deni mċappas ma' wiċċi. Terġa' l-proverbju fih il-kelma "kull", u jgħid "*kull* deni ħudu b'ġid". Kieku l-proverbju kien igħid "kultant id-deni ħudu b'ġid", konna naqblu miegħu għax hemm il-kelma "kultant". Forsi xi ħadd jgħidli "kieku ma ġralekx dak id-deni seta' jiġrilek deni ieħor akbar". Imma l-kelma "forsi" ma fiha ebda argument. Il-"forsi" min jafu? Ma setax flok deni ieħor ikbar ġratli xi ħaġa tajba?

Isimgħu din issa. "Pjaċir mhux mitlub nofsu mitluf". Darba jien rajt raġel jaqsam it-triq u kienet se tgħaffġu karrozza. Jien werżaqt "ar'hemm!" u ġbidtu minn driegħu lejn il-bankina. Iżda dan ir-raġel ma qallix li jien għamiltlu pjaċir bla ma talabhuli. Anzi irringrazzjani.

"Li kien il-kliem ġawhar, is-skiet aħjar minnu". Dan hu proverbju ieħor li jien qatt ma ħmiltu. Ġibu daqsxejn quddiem għajnejkom kemm ġid jista' jsir bil-kliem. It-tfal jitgħallmu bil-kliem li jisimgħu minn għand il-ġenituri, is-surmast, il-qassis, eċċ. Bir-radjo nisimgħu ħafna programmi ta' tagħlim. Hawnhekk ġà naħseb hawn min qiegħed igħid f'moħħu "bil-kliem ma jistax isir ukoll ħafna ħsara bħalma hu l-gideb, tnassis, insulti, eċċ.?" Iżda hawn wieħed irid jiftakar li l-proverbju igħid "kieku l-kliem kien ġawhar......" Jiġifieri l-proverbju jgħid li s-skiet huwa aħjar, ukoll kieku l-kliem kien ġawhar. Il-proverbju ma jgħidx li s-skiet huwa aħjar mill-kliem li jagħmel il-ħsara. Kieku konna naqblu miegħu mija fil-mija. Iżda li s-skiet huwa aħjar mill-kliem li hu ġawhar ma nistgħu qatt innizżluha.

Issa nistgħu ngħidu xi ħaġa fuq dawk il-kwalità ta' proverbji li kultant issibhom tajbin u kultant issibhom ħżiena, skond għalfejn tużahom.

Nieħdu l-ewwel proverbju minn din il-kwalità u dan jgħid "li tiżra' taħsad". Dan ifisser li jekk tagħmel il-ġid issib min

jagħmillek il-ġid, u jekk tagħmel id-deni ssib min jagħmillek id-deni. Iżda fid-dinja hawn bosta nies illi wara li tagħmlilhom il-ġid ipattuhulek b'xi azzjoni ħażina. Hawn ukoll nies li jibqgħu jafuhulek.

Proverbju ieħor hu dan "kelb jinbaħ ma jigdimx", u jfisser li bniedem li jagħmel ħafna storbju u għajat aktarx issibu li ma għandux qalbu ħażina. Jista' jkun hekk u jista' ma jkunx. Hawn min igħajjat u ma jpattihilekx; hawn min igħajjat u jpattihielek.

Nisimgħu wkoll li "bil-kelma t-tajba toħroġ il-far mit-toqba". Dan ifisser li meta bniedem trid tipprova ġġiegħlu jagħmel xi ħaġa li trid int, m'għandekx tieħdu bil-herra u bil-goff, iżda għandek tieħdu bil-ħlewwa u bit-tattika. Iżda jien ġie li sibt nies li meta toħodhom bil-ħlewwa jaħsbu li int qiegħed tibża' minnhom u allura iktar ikasbruk, fil-waqt li meta tiqfilhom iebes igħidu "dan mhux ta' min iħabbat rasu miegħu", u tarahom iċedulek dak li trid. Min-naħa l-oħra hemm ukoll min iktar ma żżommlu iebes iktar jippika miegħek, u jekk toffrilu l-id tal-ħbiberija iaqdik bil-qalb. Għalhekk dan il-proverbju ġie li jirnexxi u ġie li ma jirnexxix skond il-karattru tal-bniedem li miegħu jkollok x'taqsam.

Igħidu wkoll "l-iskarpan b'żarbun imqatta' ". Dan ifisser ukoll li, ngħidu aħna, tara kok li dejjem jaħdem fil-ħelu u għalhekk jiddejjaq jiekol dejjem il-ħelu. Iżda jien naf ukoll min hu ħajjat u jilbislek l-aħjar ilbies, jew min hu mastrudaxxa u għandu f'daru l-isbaħ għamara. Għalhekk l-iskarpan jista' jkollu żarbun imqatta' jekk jinzerta ma jħabbilx rasu, iżda jekk ikun wieħed li jagħti każ tarah jitfagħlek f'saqajh l-isbaħ żarbun.

Fost il-proverbji li kultant tajbin u kultant ħżiena, jien irnexxieli nsib saħansitra proverbji li huma kontra xulxin; proverbju igħid ħaġa kontra dak li jgħid proverbju ieħor.

Mela nkompli biex nagħti eżempji ta' proverbji minn dawn li jwaqqgħu lil xulxin. Wieħed minnhom igħid "skond iz-zokk il-fergħa". Kif tafu, dan il-proverbju jfisser mhux biss għaxxtieli u s-siġar, iżda jfisser ukoll għall-bnedmin. U hawn hu l-iżball. Hadd ma jista' jmieri li minn ġenituri tajbin ġie li ħarġu tfal ħżiena, u hekk ukoll minn ġenituri ħżiena ġie li ħarġu tfal tajba. Tant hu hekk li għandna proverbju ieħor li jgħid "mill-ward joħroġ ix-xewk u mix-xewk joħroġ il-ward". Dawn iż-żewġ proverbji jwaqqgħu lil xulxin. Ta' l-ewwel jgħid li t-tfal joħorġu bħall-ġenituri; tat-tieni jgħid il-kuntrarju.

Huwa veru li hemm każi wkoll fejn ġenituri ħżiena kellhom

tfal ħżiena bħalhom u ġenituri tajba kellhom tfal tajba bħalhom. Iżda dan ma jiġrix dejjem. Daqqa iva u daqqa le. Hija ħaġa li jafha kulħadd li bosta drabi l-aħwa stess ma jkunux jaqblu fl-imġiba tagħhom. Mela dan il-proverbju daqqa jorbot u daqqa ma jorbotx.

Żewġ proverbji oħra li jmieru lil xulxin huma dawn. Wieħed igħid "aħjar għasfur f'idek minn mija fis-siġra" u l-ieħor igħid "aħjar ħabib fis-suq minn mitt skud fis-senduq". Jiġifieri l-ewwel wieħed igħidlek li aħjar x'għandek issa milli x'jista' jkollok iktar 'il quddiem. It-tieni wieħed igħidlek biex ma tħarisx lejn li għandek issa iżda lejn dawk il-mezzi li bihom 'il quddiem jista' jkollok iżjed.

Par ieħor li jwaqqgħu lil xulxin huma "kull tajra tifraħ b'rixha" u "kulħadd ixomm tfuħ il-borma ta' ġaru". L-ewwel wieħed igħidlek li n-nies jifirħu b'dak li hu tagħhom. It-tieni jgħidlek li n-nies jifirħu b'dak li hu ta' ħaddieħor.

Dawn huma wkoll żewġ proverbji miġġildin. "Min jorqod ma jaqbadx ħut" u "il-qattusa għaġġelija tagħmel 'l uliedha għomja". Ta' l-ewwel iġiegħlek tgħaġġel; l-ieħor igħidlek biex ma tgħaġġilx Hekk ukoll għandna "min jiddawwar ma jilħaqx" u "bil-mod tasal kmieni", u dawn qishom tewmin mat-tnejn l-oħra li għadna kif semmejna.

Għandna wkoll dawn it-tnejn: "ħmura ta' fil-għaxija, lesti ż-żwiemel għat-tiġrija" u l-ieħor, "mewt u xita Alla jaf meta". Dan ta' l-aħħar igħidlek li ħadd ma jista' jbassar it-temp minn qabel, fil-waqt li l-proverbju ta' qablu jiżżattat biex igħidilna x'temp ġej għada.

U dawn it-tnejn li ġejjin fihom tassew daħka. Wieħed hu "aħseb il-ħażin biex it-tajjeb ma jonqosx". L-ieħor hu "ħażin hu min jaħseb ħażin". M'hemmx bżonn nagħmel kummenti fuq dawn it-tnejn.

Hemm ukoll dawn it-tnejn: "xemx li ma ssaħħanx aħjar il-bard minnha" u "mill-mitluf tieħu li tista' ".

Fl-aħħarnett nasal biex insemmi dik il-kwalità ta' proverbji li huma kważi dejjem tajbin. Fost dawn insemmi l-ftit li ġejjin: "Aħjar mitt għadu li taf bihom minn ħabib falz". "Mis-saba' tieħu l-id". "Għal ħabba bżar tilef il-borma". "Arfa' u sorr għal meta tiġi bżonn". "Il-kelb il-mismut kull ilma jaħsbu misħun". Dawn il-proverbji u oħrajn huma kważi dejjem tajbin. Nirripeti, kważi dejjem tajbin.

Dan kollu jurina li meta wieħed isib ruħu f'xi diffikultà qatt ma jista' jkun ċert li ser isib proverbju li jaqdih, iżda jrid iħaddem rasu huwa stess skond iċ-ċirkustanzi li jsib ruħu fihom.

# Tixwixa fuq Bastiment Kursal bil-Bandiera ta' l-Ordni

*Ta'* Ġużè Gatt

*(Jaqbad mall-faċċ. 58, ta' "Il-Malti", Ġunju 1952)*

XHIN De Giovanni sama' b'dan, baqa' mistagħġeb, ħa lil Marku miegħu fil-kamrin tiegħu, u talbu biex igħidlu l-biċċa kollha sewwa kif kienet.

Meta l-Kaptan għaraf x'għamlu r-ribelli, qabbad lin-nies tiegħu jikkatnaw l-ewwel tmienja minn dawn li telgħu abbord, għalkemm kienu armati bix-xwabel u l-azzarini. U hekk baqa' jagħmel mal-bqija tal-Furbani l-oħra li, ta' kull darba, bdew jaslu.

Wara li De Giovanni qabad ir-ribelli kollha taħt idejh, mar b'xi nies miegħu lejn il-Pinku, armah u fuqu ħalla t-tliet Franċiżi, flimkien ma' 16-il ruħ ta' l-ekwipaġġ tiegħu (ta' 'Grillu'), biex jieħdu ħsiebu ma' tul il-vjaġġ. B'kap tal-Pinku għamel lit-Tenent Pierre, b'ordni li jimxi miegħu lejn Malta.

"Grillu" ħa l-karti ta' abbord, żammhom għandu, sammar il-bokkaport, biex ma jkollux ħsieb tal-merkanzija li kien hemm, waqt li tagħha ħalla għassa lit-tliet Franċiżi. Heles ukoll liż-żewġ Lhud, billi r-ribelli kienu żammewhom ikkatnati fl-istiva.

Ix-xewwiexa, meta kienu abbord tal-bastiment ta' Kaptan "Grillu", stqarru li l-ħtija li rvellaw kienet il-moħqrija u x-xogħol iebes li kien iġegħelhom jagħmlu l-Kaptan Ġanninu Luvero. Qalu wkoll, li kieku kienu jafu li "Grillu" ma hux Furban bħalhom, ma kinux jintelqu f'idejh, kif ġieb u laħaq, bħalma għamlu.

Meta Scaglia waqa' taħt idejn De Giovanni, lil dan tah 10 vireg tad-deheb u 30 zekkin Tork, waqt li talbu jsalvalu ħajtu. U wara li rabtu bil-ktajjen, Scaglia reġa' sejjaħlu mill-ġdid, tah żewġ vireg oħra u tennielu biex jeħlisu mill-mewt. Iżda, meta għaddew tlitt ijiem, "Grillu" fittixlu fuqu u sablu 3 vireg, 50 zekkin Venezjan, dobla ta' Spanja ta' erbgħa (4 zekkini) u Lisbonina. "Grillu" ħemu fuq li dawn ma tahomlux ma' l-oħrajn. Iżda Scaglia wieġbu, li dawk żammhom bit-tama li bihom ikun jista' jsalva ħajtu. Qabel, Scaglia ta biċċa deheb ta' 'l fuq minn 1,000 skud lil wieħed mill-ekwipaġġ ta' "Grillu", imma, dal-Kaptan talabhielu, biex iżommha huwa wkoll.

Wieħed mir-ribelli l-oħra, jismu Teodoro, lil "Grillu" tah ħames vireg tad-deheb. u talbu biex isalvalu ħajtu. "Grillu" staqsieh jekk għandux aktar. L-ieħor wieġbu, li ma fadallux iżjed. Iżda, imbagħad, meta heddu li jgħallqu, Teodoro talbu li jieħdu fil-pruwa tal-Pinku, u minn hemm ġieb biċċtejn oħra tad-deheb u tahomlu.

Qabel ma De Giovanni lemaħ lil Malta, Scaglia sejjaħlu u qallu, biex il-flus li tah, nofshom iqassamhom lill-ekwipaġġ tiegħu (ta' "Grillu") u n-nofs l-ieħor iżommhomlu, biex igħinuh isalva ħajtu.

Waqt li l-bastiment ta' De Giovanni flimkien mal-Pinku, kienu jbaħħru lejn Malta, qamet maltempata kbira li firdithom u ntilfu minn xulxin. Fuq hekk, "Grillu" wasal hawn qabel il-Pinku, billi fl-14 ta' Settembru 1740, daħal fil-Port ta' Marsamxett, b'64 ruħ ta' l-ekwipaġġ, 12-il irsir, fosthom 4 nisa u 2 Lhud, u 22 Furbani priġunieri.

Issa daħallu l-Kaptan De Giovanni f'Lazzarett jagħmel il-kwarantina, flimkien man-nies kollha li ġieb miegħu, biex immorru u naraw x'sar minnu l-bastiment tal-maqtul Kaptan Ġanninu Luvero.

Bħalma konna għedna iżjed lura, ma' "La Vergine del Carmine" siefer ukoll Duminku Rodriguez — wieħed mis-sidien tiegħu. Għalhekk, malli x-xewwiexa telqu l-imsemmi bastiment għal riħu, ħadu f'idejh Rodriguez. Dan qabbad lill-oħrajn sħabu, biex ifittxu jarmawh malajr, billi jhejju l-armi li fadal u jikkargaw il-kanuni bil-balla, waqt li beda jbaħħar u jiġri wara l-Pinku tal-Furbani, bil-ħsieb li jilħqu, jitqabad magħhom u jaqbadhom. Dam isus għal warajhom sa filgħaxija. Iżda, billi mbagħad waqa' d-dlam, tilifhom minn taħt għajnejh.

Rodriguez dawwar il-bastiment, baqa' sejjer lejn Barberija, u minn hemm ġibed għal Malta, fejn daħal hawn fl-24 ta' Settembru 1740, bil-55 ruħ ta' l-ekwipaġġ li kien fadallu.

Fuq "La Vergine del Carmine" waslu wkoll il-Padrun Arrigo Clermont u tmienja min-nies oħra tiegħu, li kienu biċċa mill-ekwipaġġ tal-Pinku Franċiż "La Madonna di Montenero", misruq mill-Furbani Griegi fis-26 ta' Awissu; Patri tal-Minuri Osservanti ta' San Franġisk, li kien bħala passiġġier fuq l-imsemmi Pinku, meta dan inqabad mill-Furbani, u 36 irsir maqbuda fl-inħawi ta' Barberija.

"La Vergine del Carmine", bħal "La Madonna del Lauro", daħal huwa wkoll f'Marsamxett. Għax dari, kull bastiment li

jkollu x'jaqsam ma' xi ħaddieħor fuq il-baħar, iridu jagħmel il-kwarantina tiegħu f'Lazzarett.

Fid-19 ta' Settembru, lix-xewwiexa nżżluhom minn fuq il-bastiment ta' Kaptan "Grillu", taħt il-ħarsien ta' Gwardjan tas-Sanità, żewġ Sbirri tal-Qorti tal-Beit u sitt suldati tal-Gwardja tal-Gran Mastru, b'kapural magħhom, biex jissuktaw il-kwarantina l-art, f'Lazzarett.

Meta spiċċaw minn din, waqt li baqgħu miżmuma hemm, l-Imħallef tal-Kriminal beda l-kompilazzjoni tal-proċess tagħhom (1). Sitta minn dawk li kienu mar-ribelli nstabu li ma humiex ħatjin, billi lil dawn, bħalma konna għedna, ħaduhom magħhom fuq il-Pinku tabilfors. Għalhekk ħelsuhom. U fid-29 ta' Settembru, għaddew għal fuq il-bastiment tal-Kaptan Duminku Rordiguez, flimkien ma' Grieg marid, żewġt itfal, u ż-żewġ Lhud li konna semmejna.

Fil-proċess li sar, ir-ribelli ġiebu skuża li l-ħtija ta' dak li għamlu, kien kollu l-Kaptan Ganninu Luvero, billi dan kien jaħqarhom, jagħfashom bix-xogħol u jħallihom bil-ġuħ.

Dak li ngħad mir-ribelli ġie mwettaq minn Duminku Rodriguez. Dan qal li l-Kaptan Ganninu Luvero kien ta' mġiba ħażina ħafna. Bosta drabi ma ħax ħsieb jagħmel il-provvisti meħtieġa, kemm ta' ikel, kemm ta' ħwejjeġ oħra. Fuq hekk, ġie li ta galletta biss lil kull wieħed, li kellha taqdih għal ma' tul il-jum kollu. Minestra kien jagħti ftit f'nofs in-nhar u ftit iehor għal filgħaxija. Inbid jagħti tazza biss. U dan meta jkun hemm. Kolazzjon ma kien jagħti lil ħadd. Dan in-nuqqas ta' ikel dam minn 10 sa 12-il jum qabel ma qam l-irvell. Terġa', kull meta jfittxilu, kien isawwat lin-nies ta' l-ekwipaġġ b'xi bastun, jew b'għuda, inkella b'kanna tal-ħadid. Għal dan kien isir ħafna tgergir.

(1) Dari l-kumpilazzjonijiet kienu jsiru minn dak l-Imħallef li jinzerta jmissu fil-Kriminal. Għax fi żmien l-Ordni, l-Imħallfin kienu jinbiddlu fit-28 ta' Settembru ta' kull sena — nhar Santu Wistin. Bħallikieku min f'sena jaqdi fil-Kriminal, f'oħra jmur fiċ-Civil, jew fl-Appell. U hekk jagħmlu l-oħrajn.

Fost l-Imħallfin, dak ta' l-Appell biss kien imħallas, billi kellu 120 skud fis-sena. Il-qligħ ta' l-oħrajn jiġi mid-dritt li jmisshom mis-sentenzi li jagħtu fiċ-Civil u mill-flus tal-pieni li jidħlu fil-Kriminal. Għalhekk nistgħu ngħidu li dari x-xogħol tagħhom kien bl-imqieta.

Meta saru l-Maġistrati, il-kumpilazzjonijiet bdew jagħmluhom huma. Dawn inħolqu fl-ewwel snin ta' l-Ingliżi f'Malta.

Waqt il-proċess, xi wħud mill-Griegi u t-Torok qalu l-ġrajjiet kif qabel lilhom. Għaldaqshekk, l-Imħallef ta' kull darba beda jheddidhom biex igħidu s-sewwa kollha, inkella kollu jgħaddihom għat-tortura. Iżda, meta l-Imħallef beda jrosshom bil-mistoqsijiet, fl-aħħar spiċċaw biex, tista' tgħid, stqarrew kollox, għalkemm xi wħud ċaħdu li xi ħwejjeġ għamluhom huma, billi qalu li saru minn ħaddieħor.

Meta spiċċat il-kompilazzjoni tal-proċess, il-Prokuratur Fiskal (2) tal-Qorti tal-Kristianija għamel petizzjoni lill-Gran Mastru, tejn talbu jagħżel tliet Imħallfin, biex jaqtgħu din il-kawża. U dawn ġew maħtura b'digriet li ħareġ fis-7 ta' Ottubru 1740.

Wara li t-tliet Imħallfin flew il-proċess sewwa u wara li semgħu d-difiża tal-mixlijin, taw is-sentenza tagħhom, fejn ikkundannaw għall-mewt 13 mix-xewwiexa, u l-bqija għal xi ħabs. Terġa', lil tlieta minnhom — Scaglia, Guzman u Teodoro — li kienu miżmuma bħala l-kapijiet ta' kulma sar, ġew imwaħħla wkoll li qabel ma jgħalquhom, jaqtgħulhom idhom il-leminija, fuq palk li kellu jitwaqqaf barra Putirjal, qrib il-Maniġġ (3).

---

(2) L-Avukat Fiskal kien l-Attorney General ta' dari. Il-Prokuratur Fiskal, l-Assistent tiegħu.

(3) Annibale Preca, fil-ktieb tiegħu, jismu "Malta Cananea", fil-paġ. 619 igħid: Wieħed mill-fossijiet li hemm mal-ġnub tal-Belt, ħa l-laqam ta' "Maniġġ", għax fl-imgħoddi fih kienu jgħallmu lis-suldati "jimmaniġġaw" l-armi. Ara kemm. Wieħed xiħ sewwa qalli, li, f'dak il-foss, kienu jisparaw għall-"bersall".

Iżda, it-tifsir ta' Preca narawh li ma jaqbel xejn ma' dak li sibna aħna fil-Mss. tal-Bibljoteka Nru. 13, paġ. 600 u 689. Għax dan igħid, għall-imsemmi foss, li fih kien isir il-"maneggio dei cavalli", u għalhekk mhux ta' l-armi. Terġa', f'band'oħra konna qrajna li fih imdorrija jmorru "jimmaniġġaw iż-żwiemel" (jitgħallmu jirkbuhom) il-Paġġi tal-Gran Mastri.

Dan il-foss, li l-lum jinsab mirdum, hu dak li minnu jitilqu l-motors ta' Ħaż-Żebbuġ u s-Siġġiewi. Dari, meta wieħed jitlaq minn taħt il-Loġoġ tal-Furjana biex imur bil-mixi għall-Belt, ried jgħaddi minn bejn filliera siġar kbar u xjuħ. Meta tħalli lil dawn, kont issib ruħek f'wesgħa ta' kobor mhux ħażin, imdawra bit-trunċieri u b'żewġ turġien fil-ġnub tagħha. Wieħed minnhom magħluq bil-ġebel. L-ieħor, li kien jiġi jmiss man-naħa tal-foss li semmejna, u li minnu kont tinżel għat-triq ta' minn fejn jgħaddu wkoll il-bhejjem, biex tissokta għall-Belt, konna ngħidulu t-"Taraġ tal-Maniġġ". Il-bhejjem kienu jidħlu għall-Belt, minn triq oħra li tiġi biswit il-Mall.

Sa dwar 50 sena ilu, kont tistkerrah tgħaddi waħdek bil-mixi, mit-triq li semmejna, waqt xi ħinijiet tal-jum, minħabba l-baħħ tan-nies u l-ħemda li taqa'. Aħseb u ara fil-għaxija, biex ma ngħidu xejn għal-lejl.

Għall-mewt kellhom jittieħdu bit-Trumbetta ddoqq quddiemhom. Wara li jgħallquhom, jaqtgħulhom rashom, biex iwaħħluhom, ta' xhud mas-sur ta' Sant'Anġlu u ta' oħrajn mas-sur tal-Forti Manwel, ma' dik in-naħa li tiġi biswit il-Fort ta' Marsamxett. Terġa', lit-tliet kapijiet jaqsmulhom ukoll ġisimhom f'erba' biċċiet, biex iwaħħluhom fis-swar li semmejna, ħalli jitnissel il-biża' fin-nies, u b'hekk ma jitħajjar ħadd aktar li jagħmel bħalhom.

Meta t-tliet Imħalfin marru bis-sentenza tagħhom għand il-Gran Mastru, biex igħaddihielhom, din ġiet imwettqa minnu fit-12 ta' Ottubru 1740.

Minnha nissuktaw nieħdu, li l-ikkundannati għall-mewt kienu 12-il Grieg u Tork.

Il-Maltin Ganni Decaro, mill-Isla, imlaqqam "In-Nigru", billi dan ma kienx miftiehem max-xewwiexa minn qabel ma sar l-irvell, u billi ħa sehem fih wara li beda, minħabba t-tehdid tar-ribelli, weħel għal għomru jaqdef fuq ix-xwieni, bil-katina f'siequ u bla ħlas.

L-erba' Torok: Ibrahim bin Ahmed, ta' 30 sena, minn Rodi; Imħammed bin Jusuf, ta' 23 sena, minn Aleppo; Uscejn bin Soliman, ta' 25 sena, minn Adina; u Ibrahim, bin Hamsa, ta' 40 sena, minn Rodi, weħlu lkoll għal għomorhom jaqdfu fuq ix-xwieni, bil-katina f'sieqhom u bla ħlas.

Max-xewwiexa ħadu sehem ukoll żewġt itfal. Wieħed Grieg, jismu Teodorino d'Agna, ta' 14-il sena, minn Caflanija. L-ieħor Tork, Uscejn, bin Imħammed, ta' 15 jew 16-il sena, minn Rodi. Dawn kellhom jittieħdu jaraw lil sħabhom jitgħallqu. Wara jibqgħu għal tliet snin sħaħ il-ħabs jaħdmu fix-xogħlijiet tal-Gvern bil-katina f'sieqhom.

Il-Grieg Anastasis Debonera, imlaqqam "Kolumbrina", minħabba li kellu 17-il sena, u għal xi ħwejjeġ oħra magħrufa mill-Gran Mastru, kellu jiġi meħud fil-lok tal-forok, biex ibushom. Wara jibqa' għal għomru jaqdef fuq ix-xwieni, bil-katina f'siequ u bla ħlas.

Anġlu Patreglio, Grieg ieħor, billi waqt l-irvell inzerta marid, il-Gran Mastru ordna li jiġi meħlus. Ukoll tifel Grieg, jismu Cristodoro.

Bħalma konna għedna, ix-xewwiexa magħhom karkru ta' bil-fors, għal fuq il-Pinku Franċiż, xi nies minn ta' l-ekwipaġġ tal-bastiment tal-maqtul Kaptan Ganninu Luvero. Dawn kienu:

Ġakki Pisani, minn Pantallerija; Pietru Azzopardi, Malti; Ġużè Manfrè, minn Lipari; Salvu Greco, minn Napli; Duminku Anton Pezzaguerra, minn Ancona; u Marku Peruċ, mastrudaxxa, minn Venezia. Fuq hekk, l-imsemmija nies ġew meħlusa mill-Qorti.

Fil-għodwa tat-13 ta' Ottubru, 1740, taw il-prattika għal kollox lir-ribelli, billi, minn Lazzarett, ġarrewhom għall-Habs tal-Kristianija, il-Belt (il-lum is-Sanità). U jumejn wara, jiġifieri fil-15, il-Gran Pirjol tal-Knisja ta' San Ġwann, Fra Bartilmew Ruli, mar il-Qorti tal-Kristianija, niżel fil-Kriminal, fejn kienu miżmuma l-ikkundannati għall-mewt, sejjaħ tlieta mill Griegi, u, waqt li għarrafhom bis-sentenza, ħadhom miegħu fil-Kappella tal-Habs (4). Wara, biex jieħdu ħsiebhom, daħlu fejnhom dawn il-konfessuri: 2 Patrijiet tal-Kappuċċini, fosthom Patri Erkulanu; 2 Patrijiet Ġiżwiti, Rosignoli u Rizzi; u ż-żewġ Papasi tal-Griegi, dak tal-Belt u l-ieħor tal-Birgu.

It-tliet Griegi kienu: Kristodoro Vutto, ta' 23 sena, minn Zanti; Ciriaco Melleho, ta' minn 18 sa 19-il sena, minn Brazzo di Majna, u Risu bin Zafiri, ta' 25 sena, minn Jannina.

Fis-sagħtejn ta' wara nofs in-nhar meta dawn tqiegħdu kap-

(4) Fi żmien l-Ordni, wieħed ikun jaf li ġie ikkundannat għall-mewt, meta, bħalma għedna, imur il-Gran Pirjol u jgħidlu qabel ma jagħmlu Kappella. Għax, mill-bqija, il-ħati ma jkun jaf xejn x'weħel, billi la jkun quddiem l-Imħallfin waqt li ssirlu d-difiża tiegħu, u lanqas meta dawn jiktbu u jagħtu s-sentenza tagħhom.

Ftit qabel ma jieħdu għall-mewt lil dak li jkun, itellgħuh mill-ħabs għas-Sala Kriminali, u, quddiem żewġ xiehda, jaqrawlu s-sentenza bil-Latin. Terġa', milli stajna naqbdu, anqas dak il-ħin ma jagħtuh it-tifsir ta' x'fiha. Għax, meta fl-1760, wieħed bonavolja Taljan, jismu Ġanni Vito, qatel lil wieħed minn sħabu, bonavolja huwa wkoll, xħin qrawlu s-sentenza tal-mewt, barra milli ipprotesta li ma hux ħati, ipprotesta wkoll li ma jafx bil-Latin (Mss. Bibl. Nru. 13, paġ. 405).

Din il-proċedura baqgħet sejra għal xi snin fi żmien l-Ingliżi wkoll. Il-Gvernatur Maitland kien li, fl-1814, neħħa l-Latin minn Ilsien uffiċjali tal-Qrati, biex floku ħalla u għamel it-Taljan waħdu. Tneħħiet ukoll it-tortura, li qatt ma ngħatat fi żmien l-Ingliżi, għalkemm kien hemm żewġ kawżi li fihom il-Qorti talbet biex issir. L-ewwel darba, meta fl-1800 wieħed qatel lil Xandru Buttigieg f'Ħaż-Żebbuġ. L-oħra, meta fl 1802 qatlu lil Natala Mangion f'Ħal Għaxaq.

pella, ħarġu r-Rużarjanti, lebsin konfratija sewda, jiġbru għalihom. L-għada fi għodu wkoll (5).

---

(5) Sa mill-qedem kellna fratellanzi f'Malta, biex jieħdu ħsieb l-ikkundannati għall-mewt, kemm f'dak li għandu x'jaqsam ma' ruħhom u kemm ma' ġisimhom. Irridu ngħidu mhux biss għall-Fratellanza ta' San Ġużepp tar-Rabat, imma wkoll għall-oħra, li, bl-istess isem tal-Qaddis li semmejna, hemm il-Birgu.

Qabel ma l-Ordni ġie f'Malta, ma nafux jekk kienux igħallqu fil-Birgu, bħalma fir-Rabat ta' l-Imdina. Iżda, billi, tista' tgħid, mal-wasla hawn ta' l-Ordni, twaqqfet Qorti oħra, imsejħa Kistlanija (Castellania), insibu li kien isir it-tgħalliq ukoll fil-Birgu, waqt li l-Fratellanza ta' San Ġużepp tal-Belt li semmejna, kienet tieħu ħsieb l-ikkundannati għall-mewt. U dan jidher mill-viżta li Mons. Dusina għamel f'Malta, fl-1574-75.

Fl-1571, l-Ordni ġarr mill-Birgu għall-Belt. Erba' snin wara, jiġifieri fl-1575, inħolqot Fratellanza oħra, biex tieħu ħsieb ta' dawk li jitgħallqu — dik li għadha ħajja sal-lum. Għalhekk din taħbat it-tielet waħda li ġiet imwaqqfa f'Malta, ladarba kien hawn tnejn oħra qabilha bħalha u bl-istess għan tagħha — dik tar-Rabat u l-oħra tal-Birgu.

Bil-Bolla li l-Gran Mastru La Cassiere ħareġ fl-1578 tą s setgħa lill-Fratellanza l-ġdida li semmejna, biex tieħu ħsieb ta' dawk kollha li jiġu ikkundannati għall-mewt mill-Qorti l-Kbira tal-Kistlanija tal-Belt. B'danakollu, nistgħu nifhmu, li l-ħsieb ta' La Cassiere f'din il-biċċa ried ifisser għal dawk biss li jgħallqu fl-inħawi tal-Belt, waqt li l-oħrajn li jitneħħew fil-Kottonera, tibqa' tieħu ħsiebhom il-Fratellanza ta' San Ġużepp tal-Birgu.

Fi żmien l-Ordni kienet drawwa li xi drabi jgħallqu fil-post ta' fejn wieħed jagħmel id-delitt. Għalhekk ġie li sibna li neħħew kemm fil-Birgu u kemm fl-Isla, ukoll wara li l-Qorti tal-Kistlanija marret il-Belt.

Terġa', mill-imsemmija Bolla jidher ukoll, li l-Fratellanza tar-Rużarju ma kenitx tieħu sehem f'dawk li jiġu ikkundannati għall-mewt mill-Qorti ta' l-Imdina. Għalhekk ta' dawn baqgħet tieħu ħsieb biss il-Fratellanza ta' San Ġużepp tar-Rabat.

L-aħħar wieħed li tneħħa r-Rabat, fil-post imsejjaħ "Ponta tal-Forok", kien Salvu Farrugia, fl-1802, fuq li qatel wieħed Għawdxi, għal xejn b'xejn, f'Birkirkara.

Id-drawwa li l-Fratellanza ta' San Ġużepp tal-Birgu tieħu ħsieb dawk l-ikkundannati li jitneħħew fl inħawi tal-Kottonera, baqgħet titwettaq għal xi snin fi żmien l-Ingliżi wkoll. Għax insibu li, fit-22 ta' Ġunju 1813, fil-Misraħ ta' San Kelment, ġie iffuċillat Matti Scerba, suldat tar-Riġment Sqalli (Real Sicilia), li f'dik il-ħabta kien jagħmel sehem mill-Gwarniġġjon ta' Malta. L-imsemmija Fratellanza ħadet ħsiebu u ġabritlu 30 skud u 7 rbgħajja għal ruħu. Nefqitlu f'quddies 30 skud (Mss. Bibl. 643, paġ. 254).

Fil-għodu tal-15 ta' Ottubru, qrib il-Foss tal-Qassisin (6), bdew iħejju biex iwaqqfu l-Forka fix-Xagħra tal-Furjana, fuq dik l-għolja li dari ngħidulha t-"Tomba". Din tiġi ħlok dik it-triq (Duke of York Street), li nfetħet ġdida, minn fejn minnha jgħaddu l-motors għan-naħa ta' Kastilja u tal-Belt.

Il-Forka kienet tintrama' fil-quċċata tal-għolja li semmejna, biswit sewwa sew dik il-Gardjola tal-ġebel li għad hemm fil-minkeb tas-swar, u għaliekk tiġi wkoll faċċata tal-Port il-Kbir. It-tliet blatiet, imħaffra b'toqba fin-nofs tagħhom, biex fihom jidħlu l-pilastri ta' l-injam tal-Forka, kienu għadhom jidhru hemm, imwaħħlin fl-art, sa dwar 25 sena ilu. Tneħħew, meta twittiet l-għolja u nfetħet it-triq li semmejna fil-Harper Area.

Fis-17 ta' Ottubru, mal-5 ta' fil-għodu, il-qanpiena tal-Kappella tal-Ħabs bdiet iddoqq it-tokki tagħha wieħed wieħed, u baqgħet sejra hekk sat-tmienja u nofs, meta f'dal-ħin bdiet ħierġa l-proċessjoni mill-Kistlanija. L-ewwel ma mexa quddiem is-Salib b'wiċċ Kristu jħares lura. Imbagħad tnax-il qassis ta' San Ġwann lebsin il-konfratija sewda jiġbru mat-triq kollha. Wara dawn, il-Kappillan tal-Knisja tal-Vittorja, Fra Ġanpatist Giappone, bl-istola u liebes ukoll l-iswed u bix-xbieha ta' San Ġwann qtigħ ir-Ras fuq sidru, bħalma hekk l-oħrajn sħabu. Imbagħad wieħed mill-Griegi marbut. Ma' ġenbu kellu l-Patri Erkulanu, iżomm Kurċifiss quddiem il-ħati u jgħidlu t-talb, biex l-ieħor ikenni miegħu. Wara dan imxew iż-żewġ Griegi l-oħra, ukoll marbuta. Ma' dawn kien hemm il-Patri Rizzi u ż-żewġ Papasi tal-Belt u tal-Birgu.

Quddiem l-ikkundannati sewwa, kien hemm wieħed mill-Isbirri bit-Trumbetta, imsejjaħ Sotto Bojja, idoqq kull kantuniera. Terġa', madwarhom ħafna Sbirri oħra, bl-alabardi f'idejhom, biex jilqgħu u jżommu lura n-nies, li b'għadd kbir kienu hemm biex jaraw il-ħatjin.

Fl-aħħarnett imxew it-tliet Griegi li kienu miżmuma bħala kappillieti ta' l-irvell. Dawn ħaduhom, marbuta bil-ktajjen, biex joqogħdu fejn il-Forka jaraw it-tgħaliik ta' sħabhom.

(6) "Il-Foss tal-Qassisin" jaħbat il-ġenb l-ieħor kollu ta' fejn jissokta l-"Foss tal-Mandraġġ". Kienu jgħidulu hekk, minħabba li fi żmien l-Ordni, il-qassisin kienu jmorru hemm jqattgħu l-ħin jilagħbu l-boċċi. Dari, fi żmienna, konna nsibuh bħala l-"Foss ta' Flores", billi t-tfal ta' dal-Kulleġġ (il-lum Strickland House) kienu jinżlu fih jilagħbu l-football.

It-tliet ikkundannati għall-mewt ma ġarrewhomx madwar il-Belt bħas-soltu, billi lil dawn tawhom il-grazzja ta' hekk, fuq talba tagħhom; iżda ħaduhom bl-iqsar triq għal fuq l-għolja tal-Furjana.

Malli waslu qrib fejn kellhom jitneħħew, kull wieħed mill-Griegi jitla' seba' targiet ta' l-injam u jressquh għal taħt il-Forka. Ma' din ikun hemm żewġ slielem. Wieħed għall-Patri, biex jilħaq l-ikkundannat sewwa, ħalli jassisti miegħu mill-qrib u l-ieħor għall-Bojja. Dan jitla' s-sellum, jaqbad tarf il-ħabel, li jkun imdawwar ma' għonq l-ikkundannat, u jorbtu mat-travu l-mimdud.

Il-Gran Viskont, Annettu Anastasi, kien fuq iż-żiemel ma' ġenb il-Forka. Meta dan ra li theija kollox, għamel is-sinjal, u t-tarag li semmejna ngħibed minn taħt riġlejn l-ikkundannat minn xi ħabsin, waqt li dan jibqa' mdendel minn għonqu. Minnufih il-Bojja, minn mas-sellum, jagħti s-salt għall-ħabel, jinżel jiġri miegħu, biex jaqbeż b'saħħa kbira għal fuq l-ikkundannat. Hawn, b'saqajh jibda jagħfas fuq it-tavletta tonda, u għalhekk imsejħa wkoll "galletta", li tkun fuq il-wara ta' l-għonq, fejn jibqa' jross b'ħiltu kollha, sakemm jidhirlu li miet. U hekk, il-Griegi, wieħed wara l-ieħor, intemmu t-tlieta (7).

Dawn, kemm meta kienu kappella u kemm waqt il-ħin tat-tgħalliq urew indiema kbira ta' li għamlu. Imbagħad, wara l-mewt tagħhom, Patri Rizzi tela' fuq it-tarag tal-Forka u għamel priedka lill-poplu, fejn ħeġġu biex jitlob għal ruħhom, u widdbu li jibża' mill-ħaqq t'Alla u ta' din id-dinja.

L-imgħallqin ħallewhom imdendlin mal-Forka l-jum kollu, bħalma hekk kienet id-drawwa ta' dak iż-żmien, bl-għases magħhom, waqt li l-Griegi l-oħra reġgħu ħaduhom lejn il-Ħabs tal-Kistlanija.

Fil-għodwa tat-tgħalliq, il-Gran Mastru Despuig ta ordni li ssir l-Espożizzjoni fil-Knisja tal-Vittorja u biex il-ħin kollu jqaddsu għal ruħhom. Taw ukoll 100 skud għall-quddies f'Ta' Ġie-

(7) Fi tfulitna lħaqna nies li jiftakru tajjeb kif kien isir it-tgħalliq fix-Xagħra tal-Furjana li semmejna. Għal din il-biċċa, il-misserijiet u l-ommijiet jieħdu 'l uliedhom magħhom. Waqt it-tgħalliq jagħtuhom daqqa ta' ħarta, biex it-tfal jibqgħu jiftakru sewwa f'dak li raw isir mill-Ħaqq, u b'hekk insislu dak il-biża' fihom. Għalkemm it-tgħalliq ta' dari, bħalma fissirna, kien ta' ħasra u biki bil-bosta aktar minn ta' kif isir il-lum, b'danakollu jingħad li, waqt ix-xena ta' qsim il-qalb kollha li semmejna, kont tisma' l-għajat ta' min ibigħ l-ilma frisk, il-pastizzi u l-qassatat, bħallikieku xi festa!

żu. Din ta' l-Espożizzjoni kienet l-ewwel darba li saret għall-imgħallqin.

Fl-4 ta' wara nofs in-nhar, hekk kif spiċċa l-Vespri minn San Ġwann, telqet minn hawn proċessjoni bis-Salib u b'żewġ anterni, magħmula minn ħafna qassisin tal-Knisja li semmejna u minn Kavalieri, kollha lebsin b'konfratija sewda bix-xbieha fiha ta' San Ġwann qtigħ ir-Ras. Għalaq il-proċessjoni l-Kappillan tal-Vittorja, bl-istola sewda.

Dawn baqgħu sejrin lejn ix-Xagħra tal-Furjana, fejn kien hemm imhejjija tliet kataletti. Meta waslu, żewġ qassisin telgħu fuq is-slielem, ħallew lill-mejtin minn mal-Forka u telquhom f'idejn sħabhom il-Fratelli l-oħra. Dawn laqgħuhom ġewwa l-ixkejjer, kull wieħed għalih, bil ħbula, tavletti u l-ħwejjeġ tagħhom. Qegħduhom ġewwa l-kataletti, ikantaw il-"Miserere", biex imorru jordmuhom.

Meta waslu, waqfu, u l-Fratelli, flimkien man-nies, kantaw l-Uffizzju tal-Mejtin. Wara ngħad ir-Rużarju għal ruħhom.

Hekk kif spiċċa t-talb, is-Sotto Bojja silet sikkina kbira, ħarġilhom rashom mix-xkora u, bħallikieku għandu xi serduk f'idejh, ħasadhielhom barra lit-tlieta, biex, bħalma tgħid is-sentenza, jiġu mqiegħda fuq is-Sur ta' Sant'Anġlu, in-naħa tal-Gardiola, f'post minn fejn jidhru l-aktar, għall-biża' tal-poplu. U hekk radmu l-iġsma tagħhom bla rjus.

Iżda, lil dawn it-tliet imgħallqin, ma setgħux jagħmlulhom kif semmejna f'dak il-ħin, billi l-Haqq ma kien fadallu ebda jedd aktar fuqhom, ladarba dawn laħqu waqgħu f'idejn il-Knisja. U l-Kappillan tal-Vittorja ma kellux iħalli jsir il-qtigħ ta' rjushom. Fuq hekk, inħatru l-Kummissarji, biex jaraw x'kien hemm mhux sewwa f'dil-biċċa.

Fl-istess jum li tneħħew l-ewwel tliet Griegi, għall-ħabta tat-tlieta u nofs ta' wara nofs in-nhar, il-Pirjol Rull mar il-Habs tal-Kistlanija, seijaħ tliet Griegi oħra u ħadhom miegħu fil-Kappella. Il-Konfessuri tagħhom, l-istess ta' qabel.

Ir-ribelli kienu dawn: Alexi Rastobolo, ta' 28 sena; Ġanni Annettu Paxino, ta' 25 sena; u Nikolò Buro, ta' 22 sena. It-tlieta minn Xiakki.

L-imsemmija Griegi, ħaduhom għat-tgħalliq fil-għodwa tad-19 ta' Ottubru bl-istess proċedura bħal sħabhom l-oħra. Biss lil dawn għaddewhom id-dawra tal-Belt tas-soltu. Terġa', din

id-darba, lit-tliet kapijiet ewlenin, ma ħaduhomx biex jaraw it-tgħalliq ta' dawn.

Fil-Vittorja reġa' kien hemm l-Espożizzjoni bi flus il-Gran Mastru, kif ukoll il-quddies għal ruħhom. Il-Gran Viskont, Annettu Anastasi, kull darba jkun fuq iż-żiemel, biex jagħti s-sinjal għat-tgħalliq. Ukoll Patri Rizzi għamel il-priedka tiegħu bħal qabel.

Meta saru l-4 ta' wara nofs in-nhar, waqt li t-tliet imgħallqin tniżżlu mill-Forka, is-Sotto Bojja qatgħelhom rashom fuq il-post, qabel ma l-Haqq telaqhom f'idejn ir-Rożarjanti u l-l-Kappillan tal-Vittorja.

It-tliet irjus tqiegħdu fuq is-sur tal-Forti Manoel, in-naħa li tħares lejn Marsamxett.

L-għada, 20 ta' Ottubru, fis-sagħtejn u nofs ta' wara nofs in-nhar, tqiegħdu tlieta oħra fil-Kappella. Il-Konfessuri, l-istess.

Ir-ribelli kienu dawn: Dimitri Iterdopolo, ta' 28 sena, minn Ċaflanija l-Kbira; Ġanni bin Stajgol, ta' 17-il sena, mill-Bulgarja, ta' razza Skjavun; u Panajotti di Filastro, imlaqqam l-"Ingliż", ta' 23 sena, minn Zanti.

Għalkemm fost dawn li semmejna kien hemm wieħed ta' 17-il sena (Stajgol), l-Imħallfin qatgħuhielu għall-mewt xorta waħda bħall-oħrajn. U l-Gran Mastru Despuig, fil-21 ta' Ottubru, ordna li jiġi mneħħi wkoll ma' sħabu.

Għalquhom fit-22 ta' Ottubru. Kollox sar bħal f'ta qabel. Rashom twaħħlu ma' ġenb ta' sħabhom.

Fit-23 ta' Ottubru, fis-7 ta' fil-għodu, taw il-prattika lit-Tork li ġie ikkundannat għall-mewt, jismu Mustafà bin Bachi, imsejjaħ l-"Aga", ta' 70 sena, minn Atana. Maqbud irsir mill-maqtul Kaptan Ġanninu Luvero.

Billi r-ribelli lil dan wegħduh il-ħelsien mill-jasar, ħa sehem fl-irvell u qatel lil xi wħud mill-fizzjali ta' l-ekwipaġġ.

Mustafà ġie meħud minn Lazzarett għall-Kristlanija, flimkien ma' żewġt itfal. Teodor d'Agna, Grieg, u Uscejn bin Imħammed, Tork, li għenu wkoll lir-ribelli u qagħdu għassa waqt l-irvell. Jingħad li Teodor kien bin Scaglia, il-kap tax-xewwiexa.

Fit-3 ta' wara nofs in-nhar ta' l-imsemmi jum, tqiegħdu Kappella, l-aħħar tliet Griegi Furbani, li kienu miżmuma bħala l-kapijiet ta' kull ma sar. Ġanni Scaglia, ta' 25 sena, minn Korfù, li laħaq kap tar-ribelli kollha wara l-qtil tal-Kaptan Ruvero; Guzman bin Steglis, ta' 35 sena, minn Ċaflanija, bħala Lo-

gutenent ta' Scaglia; u Teodor bin Wenzu, ta' 26 sena, minn Salonika.

L-imsemmija ribelli, qabel igħallquhom, kellhom jaqtgħulhom idhom il-leminija, u, wara mewthom, barra l-qtigħ ta' rashom, ġisimhom jinqasam f'erba' bċejjeċ, biex dawn jitwaħħlu wkoll fuq is-swar fejn l-oħrajn ta' sħabhom (8).

Għal-qtigħ ta' l-idejn, fejn il-Foss tal-Maniġġ, twaqqaf palk, biex kull wieħed mill-ikkundannati jitla' fuqu, u hemm, skond is-sentenza li tathom il-Qorti tagħna, tinqatagħlu idu.

Fl-24 ta' Ottubru, għall-ħabta tad-9 ta' fil-għodu, Ġanni Guzman u Teodor ittieħdu għat-tgħaliq, kif is-soltu. Iżda, malli waslu fejn il-Maniġġ, il-Gran Viskont, Nettu Anastasi,

---

(8) Id-drawwa tal-qtugħ ta' xi biċċa mill-ġisem ta' l-imgħallqin, baqgħet titwettaq għal xi snin taħt l-Ingliżi wkoll. Taħt dawn insibu, li darbtejn biss saret din il-biċċa tal-qtugħ. Fl-1807, qatgħu ras Ġużè Camilleri, imlaqqam "Pajlić". Dan kien Għawdxi, iżda joqgħod Malta. "Pajlić", flimkien ma' tlieta oħra, daħlu fid-dar ta' Dun Alwiġ Decelis, in-Naxxar, ftit 'l isfel mill-Knisja tal-Kunċizzjoni, in-naħa tas-Sħajtar. Meta Dun Alwiġ, li kellu 75 sena, ra n-nies fuqu, ħa qatgħa u baqa' mejjet. L-oħrajn serqu kull ma sabu jgħodd għalihom; iżda wara xi żmien inkixfu. Tnejn minnhom tgħallqu u t-tnejn l-oħra weħlu għomorhom il-ħabs. Ras "Pajlić" tqiegħdet fuq kolonna, fit-telgħa tan-Naxxar, qrib fejn sar id-delitt.

Il-biċċa l-oħra ġrat fl-1825, meta Ġużè Grech ġie mixli li qatel lil ħuh Pietru fit-telgħa tan-Naxxar. Wara t-tgħalliq ta' Ġużè, qatgħulu idu l-leminija u qegħduha fuq kolonna fejn sar id-delitt. Dan l-imsejken ta' Ġużè ħa l-mewt bla ħtija, għax mhux hu kien li qatel lil ħuh, iżda ħaddieħor, li meta ġie biex imut, stqarr, quddiem ix-xiehda, li hu lil Pietru Grech qatlu hu.

Ma' dawn li semmejna, nistgħu nżidu każ ieħor li ġara fl-1820, għalkemm, f'din il-biċċa, ma sar l-ebda qtugħ mill-ġisem, billi dan tqiegħed sħiħ. Irridu ngħidu għal dawk il-Furbani Ingliżi, li, fis-sena li semmejna, bil-bastiment tagħhom, jismu "William", ħabtu għal ieħor, Ingliż ukoll, jismu "Helen". Serqulu l-merkanzija li kellu, sakkru l-ekwipaġġ taħtu isfel u sammru l-bokkaport, waqt li taqqbu l-bastiment biex jegħreq. Il-Furbani Ingliżi ġew Malta, biegħu hawn il-merkanzija kollha li serqu, u telqu. Iżda l-ekwipaġġ tal-"Helen", wara ħafna taħbit, irnexxielhom jiftħu l-bokkaport. Ġew Malta huma wkoll, fejn għarrfu b'kull ma ġralhom. Għalhekk ħarġu malajr xi bċejjeċ tal-gwerra, biex ifittxu u jilħqu lil "William". Sabuh, ġibuh lejn Malta u n-nies tiegħu għaddew ġuri. Sitt Ingliżi ġew ikkundannati għall-mewt. Għallquhom fuq il-bastiment tagħhom stess, kif kien sorġut f'nofs il-Port il-Kbir. Wara mewthom, iżżiftawhom, qegħduhom fil-gaġeġ u dendluhom ma' sitt arbli fuq il-blat għoli ta' taħt is-swar tar-Rikażli, biex jarawhom il-bastimenti li jkunu għaddejjin minn hemm, jew waqt li huma u deħlin fil-Port. Fl-aħħar dawn spiċċaw biex ma dehrux aktar, fi grigalata kbira, billi l-baħar ġarrhom miegħu.

taħom l-aħbar li l-Gran Mastru ħafrilhom il-qtigħ ta' idhom. Għalhekk baqgħu sejrin bihom lejn il-Forka.

Billi Ganni Scaglia kien jaf bit-Taljan, dar bih u sabbru l-Patri Ġiżwita Rosignoli. Dan, wara t-tgħalliq, għamel ukoll priedka sabiħa ħafna.

Dawn ix-xewwiexa Griegi ma nafux jekk kinux insara mill-ewwel, inkella minn Xiżmtiċi daħlux fir-Reliġjon tagħna wara li tq egħdu Kappella. Biss nistgħu ngħidu, li kollha mietu ta' nsara bħalna.

Iż-żewġt itlal li semmejna — Teodor u Uscejn — ġew meħuda fejn il-Forka, ħalli jaraw it-tgħalliq tat-tliet kapijiet tax-xewwiexa, biex jitfgħu biża' fuqhom. Barra minn hekk, ikkundannawhom għall-foss. Dan ifisser li kellhom jaħdmu fix-xogħlijiet tal-Gvern, l-aktar fit-tħaffir tal-fossijiet (9).

Fl-4 ta' wara nofs in-nhar, lil Ganni, Guzman u Teodor, barra li qatgħulhom rashom, kull wieħed qasmulu wkoll ġismu f'erba' bċejjeċ, biex iwaħħlu kollox fuq is-swar, maġenb ta' l-oħrajn sħabhom.

X'kienu jagħmlulhom lil dawn l-iġsma, biex iżommu u ma jerħux, ma sibniex. Biss nistgħu naħsbu, li x'aktarx li jiżżiftawhom, billi jitfgħulhom fi nħasa biż-żift jagħli.

Il-ġbir kollu li sar għall-imgħallqin Griegi, laħaq mal-200 skut. Jingħad li l-Gran Pirjol Ruli ta 50 skut għall-quddies fil-Kappuċċini, 50 fil-Knisja ta' l-Erwieħ u 50 il-Ġiżwiti.

Fl-24 ta' Ottubru, fit-3 ta' wara nofs in-nhar, tqiegħed Kappella l-irsir Tork. Dan ma kienx jaf jitkellem għajr b'ilsienu biss. Jingħad li dan wiegħed li jagħti 1000 pjastra għall-bini tal-Knisja ta' San Publju tal-Furjana, u jibqa' hawn bħala rsir, kemm-il darba jaħtrulu l-mewt. Iżda l-Gran Mastru ma riedx.

---

(9) Duminku Rodriguez, bħala wieħed mis-sidien tal-bastiment li, fl-1739, intrama għall-kors taħt il-Kaptan Ganninu Ruvero, għamel petizzjoni lill-Gran Mastru. Fiha qallu, li billi fl-irvell li sar fuq il-bastiment imsemmi ħadu sehem fih xi rsiera Torok, dawn weħlu xi ħabs. Iżda billi dawn kienu maqbuda minnu, talbu li jeħlishom mill-piena li tathom il-Qorti u jagħtihomlu lura. Il-Gran Mastru ma riedx. Wara reġa' għamel petizzjoni oħra, fejn talbu biex jaħfer il-bqija tal-ħabs li kien fadallu jagħmel it-tifel irsir Tork, Uscejn bin Imħammed, minn Rodi. U l-Gran Mastru, fl-24 ta' Jannar 1743, tah il-grazzja li talab. Ma għandniex xi ngħidu, Rodriguez dan għamlu, mhux għax ġietu xi ħniena minnhom, imma sabiex jiksibhom mill-ġdid taħt idejh, jew jinqeda bihom għall-qdif, inkella biex ibigħhom, u b'hekk idaħħal kemxa flus sewwa tagħhom.

Bħala Konfessuri tawh il-Patrijiet Lanfranco, Rosignoli u Dun Ġwann. Iżda, Mustafà ma riedx jitgħammed. Fuq hekk, meta, fis-26 ta' Ottubru, ħaduh għat-tgħallieq, ir-Rożarjanti ma ħadux sehem.

Meta waslu bih fejn il-Forka, u waqt li kien fuq it-tarġiet tagħha, imhejji u kollox biex ineħħuh, il-Gran Viskont Anastasi ħabbarlu li l-Gran Mastru tah il-maħfra tal-mewt; iżda jibqa' għal għomru jaqdef fuq ix-xwieni. Imbagħad, wara li bewsuh il-Forka, reġgħu ħaduh lejn il-ħabs (10).

Issa, wara li spiċċajna mit-tagħrif li kellna nagħtu, dwar it-tixwixa li xi Griegi u rsiera Torok għamlu fuq bastiment kursal bil-bandiera ta' l-Ordni u xi ħlas messhom ta' egħmilhom, ngħaddu biex ngħidu minn liema toroq jgħaddu bl-ikkundannati għall-mewt u fejn kienu jordmuhom.

Fi Triq San Ġwann, fin-niżla tal-Ganċ, in-naħa ta' fejn il-lum hemm l-Uffiċċju tal-Gass, dari kien hemm bieb li jagħti għall-Ħabs tal-Kistlanija, dejjem magħluq bil-ġebel u mkaħħal. Kien jinfetaħ biss kull meta jkun hemm xi ħadd ikkundannat għall-mewt, biex joħorġuh minnu. Wara jerġa' jiġi mbarrat mill-ġdid.

L-ikkundannat igħadduh mill-bieb li semmejna, iniżżluh għal Triq San Pawl, jibqgħu sejrin sa fejn il-"Piazza dei Viveri" (kif hekk kien imsejjaħ is-Suq dari), iduru magħha, billi jgħaddu minn Triq Feliċ għal Triq Merkanti u jiġbdu għall-Kistlanija (il-lum is-Sanità). Ma' li jaslu hawn, jilwu għal quddiem San Ġwann. Imbagħad minn Triq Ir-Rjali jibqgħu ħerġin għall-Furjana.

Minn Putirjal sa biswit il-Mall kien hemm triq bejn is-swar u t-trunċieri, li minnha jgħaddu l-bhejjem. Ftit 'l hemm mill-Foss tal-Maniġġ u qabel ma taqbad il-Mall, kien hemm mina bi kwadru tal-Madonna tad-Duluri (11). Hawn iwaqqfu l-ikkundannat, biex igħid Salve Regina quddiem ix-xbieha tal Madonna.

(10) Fit-22 ta' Lulju 1744, Imħammed kellu l-grazzja tal-ħelsien. billi x'aktarx ma kienx tajjeb iżjed għax-xogħol, billi kellu mal-75 sena. Għax l-irsiera, meta jixjeħu u ma jibqgħux jiflħu aktar, biex jeħilsu minnefqa ta' l-ikel tagħhom, kienu jbewġuhom lejn pajjiżhom.

(16) Il-Mina tneħħiet ħabta ta' dwar mitt sena ilu, meta twessa' wkoll il-Bieb ta' Putirjal. Il-Madonna tqiegħdet ġol-ħajt, mal-lemin, int u ħiereġ mill-Belt għall-Furjana, fejn aħna għadna nħtakruha sewwa hemm. Tneħħiet għal kollox, meta twittew is-swar u t-trunċieri, biex saret dik il-wisgħa ta' triq li naraw il-lum.

Wara jibqgħu sejrin. Meta jaslu quddiem il-Mall, jilwu max-xellug, jaqbdu x-Xagħra u jiġbdu għal fuq l-għolja tagħha, li kienet taħbat sewwa sew qrib ta' fejn il-lum hemm il-Monument tal-Gwerra.

L-ikkundannati jkunu lebsin kunfratija bajda, twila sa saqajhom, idejhom marbuta fuq sidirhom, bħal meta wieħed jitlob, u bil-ħabel imdawwar ma' għonqhom — b'dak l-istess ħabel li wara jgħalliquhom bih — miżmum mit-tarf tiegħu mill-Bojja, li jimxi warajh.

Bħalma wrejna, l-ikkundannat għall-mewt, b'dak it-tidwir kollu li dari jġagħluh jagħmel mat-triqat li semmejna, qabel ma jiġi biex jilħaq il-post tat-tmiem tiegħu, ikollu jqatta' nofs siegħa f'passjoni mill-eħrex. Terġa', dan donnu anqas ma kien biżżejjed. Għax iż-żarżir tat-Trumbetta f'kull kantuniera, jissokta jżidlu fit-tbatija, billi dak id-daqq tagħha jħossu bħala stallettati oħra li jinfdulu 'l qalbu. F'kelma waħda, dana l-imsejken, sakemm iwassluh għat-tgħalliq, ma nafux x'ruħ trid tibqa' fih. Għalhekk, nistgħu naħsbu li ħafna minnhom jaslu aktar mejtin milli ħajjin. B'danakollu, xi whud, li jkunu ta' spirtu qawwi, ġie li waslu biex igħidu wkoll xi kelmtejn ta' twiddiba lill-poplu, qabel ma jneħħuhom.

Dil-biċċa tat-Trumbetta tfakkarna fil-proċessjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, f'dawk il-'bugles' li fi żmienna naraw quddiem Kristu mgħobbi bis-salib. Bid-daqq ta' dawn, mela, għadhom iridu jfakkruna, kif kienu jxandru mat-triqat, sa mill-qedem, lil dawk li jiġu ikkundannati għall-mewt, bħalma hekk ukoll kien il-maħbub tagħna Sidna Ġesù Kristu.

L-aħħar li ndaqqet it-Trumbetta, kien quddiem Ġulju Frendo, min-Naxxar, li ħaduh, biex neħħewh, fl-14 ta' Diċembru 1835. Inqatgħet, għaliex ma sabu lil ħadd aktar li ried jidħol fil-Pulizija, bl-isem ta' Sotto Bojja.

Bit-Trumbetta kienu jinqdew meta dari jiffrustaw fit-toroq lil xi wħud, ikkundannati għalhekk. Lil dawn jorbtuhom fuq il-ħmir, li jikru għal dil-biċċa, mis-suqa mill-Isbirri. F'xi bnadi jieqfu, waqt li jibda d-daqq tat-Trumbetta, biex jinġabru n-nies, ħalli jaraw lil dawn l-imsejkna jaqilgħu bil-frosta fuq daharhom mill-Bojja.

Kienu wkoll jinqdew biha, biex, fl-erbat ibliet u l-Furjana, ixandru l-Liġijiet li joħroġ il-Gvern. Għal dil-ħaġa, kien hemm magħżula xi nħawi f'dawn il-postijiet li semmejna, biex fihom

jiġi mgħarraf dejjem dak li jrid il-Gvern. Hawn, l-Isbirr jibda jdoqq it-Trumbetta, biex isejjaħ in-nies. Malli dawn jingabru f'għadd mhux ħażin, l-Attwarju Kriminali (bħal Reġistratur tal-Qorti tal-lum) jibda jaqra l-Bandu li ħareġ. Wara, minn banda jmorru f'oħra, fejn isir l-istess, sakemm idduruhom kollha.

Mill-Imdina, ir-Rabat u fl-irħula l-oħra, flok bit-Trumbetta, kienu jiġbru n-nies bid-daqq tat-Tanbur.

Issa, wara li tajna tagħrif dwar x'kienet taqdi t-Trumbetta tal-Pulizija, ngħaddu biex immorru naraw fejn kienu jordmu l-imgħallqin.

Naħsbu li ħafna nlebħu li kull meta semmejna lil dawn l-imsejkna, dejjem inqdejna bil-kelma "jordmu" flok "jidfnu". Imxejna hekk, għax deħrilna li kif kienu dari jagħmlu magħhom, aktar tixraq u toqgħod l-ewwel waħda, milli l-oħra.

Bħalma konna għedna, wara jum imdendlin mal-Forka, iniżżluhom għall-ħabta ta' l-erbgħa. Imbagħad, minn hemm, jiġbdu u jibqgħu sejrin bihom lejn Triq Tmienja ta' Settembru. Malli jaslu fejn iċ-Ċimiterju ta' l-Ingliżi, li għadhom kemm radmu, jitilgħu dik ix-xagħra ta' biswitu (il-lum magħluqa b'ħajt), u jniżżlu dawn il-mejtin, li jkunu magħluqa fl-ixkora flimkien mal-ħbula u t-tavletta li tgħallqu bihom, f'ħofra kbira li ssir għalhekk, waqt li fuqhom jitfgħu t-trab sakemm jgħattuhom. Meta din timtela bil-mejtin, jagħmlu oħra ma' ġenbha. Biss, qabel ma titħaffer, jintalab il-permess lill-Gvern mill-Fratellanza tar-Rożarjanti.

Fuq l-għolja li semmejna dari kienu jgħallqu wkoll. Dinnaħa jgħidulha l-"Forka tat-Triponti". Kif insibu fil-"Malta Illustrata" ta' Abela u Ciantar, ħadet dan l-isem — Triponti — minħabba dawk it-tliet ħarġiet fil-baħar li sfaw magħmula bil-ġebel li ntefa' hemm, huma u qed jibnu l-Belt Valletta.

Madankollu, jidher ukoll li kienu jgħallqu hemm, billi l-baħar bin-naħa ta' qribha, għadu msejjaħ sal-lum: "Taħt il-Forka".

L-aħħar li radmu, fl-għolja li semmejna, lil Wenzu Attard u Mikiel Curmi, li tneħħew fit-22 ta' Frar 1826. Imbagħad, lill-imgħallqin bdew jidfnuhom fiċ-Ċimiterju tal-Blata l-Bajda. L-ewwel ma messhom difna sewwa u suret l-insara, kienu Xmun Grech u Indrì Farrugia, li tneħħew fit-3 ta' Jannar, 1829. Wara, mill-1862, bdew jidfnuhom fiċ-Ċimiterju ta' Hal Tarxien. Iżda,

mill-1876, hadr d-drawwa li jidfnuhom fic-Cimiterju tal-Habs ta' Kordin stess.

Minn dan li ghedna naraw, kemm jitbiddlu d-drawwiet ma' tul l-milja taż-żmenijiet. Għax, jekk fl-imgħoddi lil dawn l-imsejkna kienu jorbtuhom fi xkora u jordmuhom f'xagħra, bħall-annimali, fejn anqas biss ma jagħmlu l-icken sinjal biex juri li hemm, taħt dak it-trab u l-ġebel, jinsabu nies li huma nsara bħalna, illum, barra milli jitqiegħdu f'tebut, fejn jindifnu hu mżmum b'kura u b'karità nisranija mill-akbar. Mhux biss, terġa' dan l-aħħar, bi ħsieb mill-aktar ħanin, sa isimhom ġie mnaqqax fuq qabarhom, biex meta wieħed imur iżurhom, jista' jitlob fuq min irid hu. Għalhekk sewwa jgħid il-qawl: "Id-dinja titbiddel u magħha jitbiddlu n-nies ukoll".

---

# ARTI U HAJJA

### *Ta'* Marċell Mizzi

Meta narak li trid issir poeta
ma nafx nagħdrekx għall-bluh tal-għażla tiegħek
jew nitlob 'l Alla jieqaf dejjem miegħek
biex ma tiskirx u taħseb l'int profeta.

Meta b'għajnejk fil-bogħod taħrab il-folla
u titgħaxxaq u tedha bis-sbuħija,
tintilifx fik innifsek bil-kburija
u ftakar l'inti bniedem bħalna kollha.

Meta tara x-xemx tiddi wara d-dalma
u wara n-nxief tas-sajf tilmaħ ftit ħdura,
jew tisma' r-riħ ivenven wara l-kalma,
nixtieqek ma tinfexx tgħanni n-Natura.

Nixtieqek ħajtek tgħixha flok taħsibha
u l-kelma tagħidha f'waqtha 'l min jismagħha:
tħoss l-imħabba biex tħobb mhux biex tiktibha
u flok tixtieq bla jies tiġġieled b'saħħa.

# REĊENSJONI

**ĠABRA TA' POEŻIJI GĦAT-TFAL** — Minn R. Vella Tomlin, bi Prefazzjoni fuq "Il-Poeżija fl-Iskejjel", mill-Prof. J. Aquilina, B.A., LL.D., Ph.D. (Lond.). — Thos. Formosa & Son, Malta, 1952. pp. 1-168.

Din tista' tgħid, wara l-ġabra ċkejkna ta' Poeżiji Maltin għall-Iskejjel Primarji magħmula minn Dr. Kan P. Pullicino (1852-1864), hi l-ewwel ġabra ta' poeżiji Maltin li tista' tissejjaħ bl-isem ta' Antoloġija ta' Versi Maltin maħsuba għat-tfal, u ngħidu "maħsuba għat-tfal", għax dan hu, milli jidher, il-ħsieb ewlieni tal-kompilatur, għalkemm forsi, f'xi bnadi, dan il-ħsieb ma seħħlux għal kollox.

Biex tagħżel versi għat-tfal ma hix ħaġa hekk ħafifa daqs kemm wieħed jista' jaħseb; barra milli l-kompilatur kellu jġarrab sabar u sagrifiċċji, u xi ftit tat-tisfiq ta' wiċċ ukoll (li f'demmu u ħiltu ma naqsu qatt meta tiftakar li hu bin l-imsemmi Surmast E.B. Vella, l-ewwel kompilatur ta' kotba tal-Qari bil-Malti għat-Tfal ta' l-Iskejjel tal-Gvern skond is-sistema l-ġdida tal-"Għaqda"), kellu wkoll, kif għandna naħsbu, iħaddem moħħu b'sens ta' kriterju artistiku u fl-istess ħin pedagoġiku fil-għażla tal-poeżiji.

Il-ktieb hu mqassam taħt sitt irjus: kull waħda mir-rjus turi b'isimha x-xorta ta' versi fis-suġġett tagħhom, u jagħlaq bi tliet Werrejja li juru, wieħed wara l-ieħor, l-"Ismijiet tal-Poeżiji", "Il-Poeti", u "L-Ewwel Versi ta' Kull Poeżija", skond il-metodu ta' l-antoloġiji moderni Ingliżi.

L-antoloġija tiġbor fiha versi ta' poeti li għandhom isem kif ukoll ta' oħrajn li għad ikollhom isem, għax jew iż-żmien jew is-sengħa bikrija lil dawn ta' l-aħħar ma laħħquhomx f'dak il-grad tal-magħrufin. B'danakollu, u, għalkemm bħalma stqarr il-Professur Aquilina fil-Prefazzjoni li għamel f'dan il-ktieb "ħafna drabi wkoll xi qabbiel inġenjuż jista' jlaħħaq ma' l-immaġinazzjoni taż-żgħar aktar milli l-poeta li jtir fil-għoli", aħna naħsbu li, wara li wieħed jifli bir-reqqa (kif ukoll mingħajr reqqa), il-valur tekniku ta' xi poeżija 'l hawn u 'l hinn, f'dan il-ktieb, għandu jsib li din ma tantx iżżid fil-preġju ta' l-antoloġija għat-Tfal ta' l-Iskola, u li mingħajrha forsi x-xogħol tal-kompilazzjoni kien ikollu iżjed mertu fis-selezzjoni.

Teħodha kollha kemm hi din l-antoloġija bħala l-ewwel xogħol ta' din il-qatgħa fil-kamp ta' l-istorja letterarja tal-Lsien Malti mhux ta' min jmaqdarha: xejn xejn hija bidu ta' ħidma kbira li jistħoqqilha inkoraġġiment u tifħir. Jisgħobbina li 'l hawn u 'l hinn xi għiltijiet ortografiċi, li mhux kollha tista' tissejħilhom żbalji ta' l-istampa, idennsu xi ftit il-preġju letterarju ta' dan ix-xogħol, u nixtiequ li f'edizzjoni oħra, għall-ġieħ tal-kompilatur u ta' l-editur, ma jibqgħux jidhru. Hekk ukoll insibu li l-isem ta' xi awtur xi mindaqqiet jidher b'mod differenti minn dak li bih hu magħruf testwalment. B'danakollu aħna b'qalbna kollha nixtiequ lil din l-antoloġija ġdida kull riżq f'idejn it-tfal ta' l-iskejjel tagħna li minnha għandhom jerdgħu l-ewwel ħalib bnin tal-Musa Maltija.

***

# WERREJ TAS-SENA 1952


faċċ.

**Abela, Ġużi**

*Morna għall-Bebbux* ... ... ... ... ... ... ... 55

**Aquilina, Pawlu**

*Ward fuq Qabri* ... ... ... ... ... ... ... ... 59

**Azzopardi, Ġeraldu**

Meta Ommi kellha Lili ... ... ... ... ... ... ... ... 93

**Barbara, Patri Val. V., O.P.**

*Nhar San Duminku* ... ... ... ... ... ... ... ... 61

Il-Warda tar-Rużarju ... ... ... ... ... ... ... 71

**Biancardi, Nikol**

L-Ortografija tal-Għaqda ... ... ... ... ... ... 40

**Briffa, Dr. Rużar, B.Sc., M.D.**

*Il-lum u l-bieraħ* ... ... ... ... ... ... ... ... 42

**Camilleri, Dun Frans**

*Imħabba u Tieħ* ... ... ... ... ... ... ... ... 39

*F'Mewt Missieri* ... ... ... ... ... ... ... ... 78

*Lill-Baħar Mediterran* ... ... ... ... ... ... ... 104

**Caruana, Vincent**

*Imħabba taħt Siġra* ... ... ... ... ... ... ... ... 55

Proverbji Foloz ... ... ... ... ... ... ... ... 105

**Cassar Pullicino, Ġużè**

Traduzzjoni minn Camoens bil-Malti ... ... ... ... 44

**Cassola, Albert M.**

Malapropismi fl-Ilsien Malti ... ... ... ... ... ... ... 79

**Chetcuti, Ġużè**

*Il-Għanja ta' Lourdes* ... ... ... ... ... ... ... ... 90

**Cremona, A.**

Lingwistika u Folklore ... ... ... ... ... ... ... ... 86

**Editur**

Preżentazzjoni tal-Premju "Ġużè Muscat-Azzopardi" ... ... 3

Pranzu b'ġieh Dun Karm Psaila, D. Litt
u l-Kav. Dr. Ġużè Galea, M.B.E., M.D., D.P.H. ... ... 20

Sursum Corda ... ... ... ... ... ... ... ... ... 33

L-Alfabet tal-Għaqda ... ... ... ... ... ... ... ... 54

Kronaka tal-Għaqda ... ... ... ... ... ... ...62-104

Il-Meċenati tal-Malti ... ... ... ... ... ... ... ... 65

Ugo Muscat-Azzopardi ... ... ... ... ... ... ... ... 69

L-Istudju tal-Malti ... ... ... ... ... ... ... ... 97

Il-Mewt ta' Mons. Kant. Dun Pawl Galea, J.C.D. ... ... 103

**Galea, Kav. Dr. Ġużè, M.B.E., M.D., D.P.H.**
Diskors fil-Preżentazzjoni tal-Premju "Ġużè Muscat-Azzopardi" ... ... ... ... ... 9
Kien Lejlet il-Milied ... ... ... ... ... ... .. 99
**Galea, Mons. Kant. Dun Pawl, J.C.D.**
Diskors tar-Rebbieħ tal-Premju "Ġużè Muscat-Azzopardi" ... ... ... ... ... 13
**Gatt, Ġużè**
Tixwixa fuq Bastiment Kursal bil-Bandiera ta' l-Ordni ... ...56-109
**Meylak, Mary**
*Brindisi* ... ... ... ... ... ... ... ... .. 25
**Mizzi, Marċell**
*Il-Għanja tat-Tletin* ... ... ... ... ... ... ... 85
*Arti u Ħajja* ... ... ... ... ... ... ... ... 125
**Muscat Azzopardi, Ivo, P.L.**
Diskors fil-Preżentazzjoni tal-Premju "Ġużè Muscat-Azzopardi" ... ... ... ... ... 11
Il-Parata ... ... ... ... ... ... ... ... ... 17
**Psaila, Mons. Dun Karm, D.Litt.**
*Ċajta tat-Tmenin* ... ... ... ... ... ... ... 24
**Reċensjonijiet** ... ... ... ... ... ... ... ... 28, 95, 126
**Ungaro, Vincent**
*"Tu Es Sacerdos"* ... ... ... ... ... ... ... 85
**Vassallo, K.**
*Issa Li...* ... ... ... ... ... ... ... ... ... 42
**Zarb, Prof. Serafin M., O.P., S.Th.M., S.Script.D., M.B.E.**
Diskors fil-Preżentazzjoni tal-Premju "Ġużè Muscat-Azzopardi" ... ... ... ... .. 8
**Zarb Adami, Godfrey**
Rapport Amministrativ għas-Snin 1950-1951 ... ... ... 35

**SUPPLIMENTI:**

**Muscat-Azzopardi, Ivo, P.L.**
Icilio Calleja ... ... ... ... ... ... ... ...Marzu
Il-Ġarra Nkisret .. ... ... ... ... ... ... Ġunju
Fernand Gregh ... ... ... ... ... ... ... Diċembru
**Muscat-Azzopardi, Ġino**
L-Aħwa Catania ... ... ... ... ... ... ... Settembru

JINBIEGH: 1s, 3d.